**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Lulju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 41/2017 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B f'isimha proprio u f'isem uliedha minuri F B u G B bħala kuratriċi *ad litem* skont Digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar 2017**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 367/1996)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu erba' ulied, u cioe' D li twieed fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) li llum ghandu ghoxrin (20) sena, E li twieldet fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) li llum ghandha tmintax (18)-il sena, tifel bl-isem ta' F li twieled fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) li llum ghandu tlettax (13)-il sena u G li twieled fl-ghaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li llum ghandu sentejn (2), u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok B, Dok C, Dok D u Dok E rispettivament.*

3. *Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mil-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*

4. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok C.*

5. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata.*

6. *Illi l-kura u l-kustodja tal-minur F u G jehtieg li tigi affidata ill-attrici fl-ahjar interess tal-istess minuri.*

7. *Illi jehtieg li jigi iffissat manteniment ghall-attrici, ghal binthom E illi ghadha studenta u ghal uliedhom minuri F u G, ilkoll ahwa B.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi komessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre*

*dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.*

2. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.*

3. *Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.*

4. *Tillikwida l-istess komunjoni u taqGha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.*

5. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri F u G tigi affidata esklussivament lill-attrici.*

6. *Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici, lil binthom E illi ghadha studenta u lill-minuri F u G manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti kont il-bzonnijiet tal-istess attrici u ulied, tnejn minnhom minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.*

7. *Tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' Abela.*

8. *Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti ma jaqbilx li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser tort tieghu u ghal din ir-raguni kif ukoll ghal ragunijiet ohra konessi mas-separazzjoni personali tal-partijiet qed jipprocedi bis-segwenti kontro-talba;*

2. *Illi b'referenza ghall-ewwel talba l-esponent filwaqt li jaqbel li dina l-Onorabbli Qorti tippronuncja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ma jaqbilx li ghandu jigi addebitat it-tort tas-separazzjoni. Illi z-zwieg tkisser ghar-ragunijiet li ghandhom jigu addebitati lil attrici fosthom adulterju, eccessi u sevizzi u minhabba li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;*

3. *Illi l-esponenti qed jopponi li jigi applikat fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili jew li jitlef id-dritt ghal nofs l-akkwisti li saru fiz-zwieg bil-hila tal-attrici minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti u dan peress li ma huwiex hati tal-ksur taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti kif ser jigi pprovat tul it-trattazzjoni tal-kawza;*

4. *Illi b'referenza ghat-tielet u r-raba' talba l-esponent filwaqt li jaqbel li tigi xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, ma jaqbilx li jigi akkordat porzjon anqas mill-attrici;*

5. *Illi b'referenza ghall-hames talba l-esponenti jopponi li l-kura u kustodja tal-minuri F u G tigi affidata esklussivament lill-attrici u jirrispondi li l-kura u kustodja taz-zewgt minuri ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet;*

6. *Illi b'referenza ghas-sitt talba l-esponenti jopponi li jigi ikkundannat sabiex ihallas manteniment ghall-attrici personalment u dan stante li hija dekadiet mid-dritt li titlob u tircievi manteniment ghaliha personalment kif ser jigi provat tul il-kawza kif ukoll peress li hija tahdem full-time u hija kapaci tmantni lilha nnifisha. Illi l-esponenti ma huwiex qed jopponi li jhallas manteniment ghat-tfal minuri skont il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-minuri tenut kont ukoll tal-kontribut finanzjarju li l-mara hija obligata li thallas skont il-ligi. Illi ma hemmx oggezzjoni li l-manteniment hekk kif likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-*

[2] Fol. 24.

*hajja;*

7. *Illi s-seba' talba ma hijiex opposta;*

8. *Illi t-tmien talba ma hijiex opposta;*

9. *Illi l-esponenti qed jopponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant,[3] fejn irrileva:

1. *Illi l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt tal-kontro-talba;*

2. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996);*

3. *Illi miz-zwieg taghhom twieldu erbat itfal u cioe' D li twieled fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996), E li twieldet fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), F li twieled fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u G li twieled fl-ghaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014);*

4. *Illi z-zwieg tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi u adulterju komessi mill-attrici rikonvenzjonata kontra zewgha u b'mod sussidjarju peress li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment;*

5. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) anness u mmarkat Dokument C mar-rikors guramentat promotur;*

*Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

---

[3] Fol. 26.

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-raguijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-attrici rikonvenuta fosthom sevizzi, eccwssi u adulterju komessi mill-attrici rikonvenuta kontra zewgha u sussegwentament peress li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F B u G B f'idejn iz-zewgt partijiet konguntivament;*

3. *Tiffissa hinijiet ghall-access ampju lil esponent ghal minuri F u G;*

4. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-attrici rikonvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportune u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

5. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

6. *Tillikwida l-assi parafernali tal-konvenut rikonvenzjonant u tassenjahom lill-istess esponenti;*

7. *Tordna lil-attrici rikonvenuta tirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali tieghu;*

8. *Tillikwida l-benefikati li saru fid-dar matrimonjali tal-partijiet, inkluz ix-xoghol li sar mill-esponent manwalment u tordna lil attrici rikonvenuta thallas lil esponnet sehemu minn dawn il-benefikati;*

9. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-attrici rikonvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li hi minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi rikonvenzjonata,[4] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti rikonvenuta taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet madanakollu mhux bi htija taghha izda bi htija tal-konvenut rikonvenzjonat.*

2. *Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda u dan peress illi mhux fl-interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja taghhom tigi affidata f'idejn iz-zewg partijiet konguntivament.*

3. *Illi l-esponenti taqbel mat-tielet talba, fis-sens illi ma hix qieghda toggezzjona li jigu stabbiliti hinijiet ta' access, bhalma qieghed isir bhalissa.*

4. *Illi fir-rigward tar-raba' talba, l-esponenti taqbel ili ghandha tigi xolta u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, izda ma taqbilx li l-esponenti ddekadiet minn kwalsiasi akkwist maghmul bil-hila tal-konvenut u dan stante illi ma hix il-parti hatja fis-separazzjoni.*

5. *Illi l-hames, is-sitt u seba' talbiet ma javverawx ruhhom u ghalhekk ghadhom jigu michuda.*

6. *Illi in kwantu t-tmien talba, fl-ewwel lok iddar ma tappartjenix tal-partijiet, izda hija l-proprjeta' esklussiva tal-genituri tal-attrici u ghalhekk ikun ezercizzju inutli li jigu likwidati l-benefikati li saru fid-dar matrimonjali. Jekk il-konvenut qieghed javvanta pretensjoni f'dan ir-rigward, ghandu se mai jivvanta fil-konfront tal-genituri tal-attrici.*

7. *Illi d-disa' talba ghandha tigi michuda b'dan illi ma tigi applikata l-ebda disposizzjoni kontra l-esponenti stante illi ma hix hatja tas-separazzjoni.*

*Bl-ispejjez, kemm tar-rikors guramentat kif ukoll tal-kontro-talba kontra l-konvenut.*

---

[4] Fol. 47.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 2017,[5] fejn il-Qorti iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa filwaqt li awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu bil-kawża fit-termini imposti fil-liġi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi bin-numru 41/2017/1 AL ta' nhar l-1 ta' Novembru 2017, fejn il-Qorti ddeċediet illi tilqa' t-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha, u ċjoe' ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Marzu 2022,[7] fejn il-Qorti tat il-fakolta' liż-żewġ partijiet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomisjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi,[8] u n-nota responsiva tal-konvenut;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[10]

Ikkunsidrat;

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali.

[5] Fol. 12.
[6] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tas-26 ta' April 2017, a fol. 34.
[7] Fol. 858.
[8] Fol. 884.
[9] Fol. 917.
[10] Fol. 858.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ, filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn żewġha;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-konvenut tilef il-jedd fuq in-nofs tal-akkwisti li saru matul iż-żwieġ bil-ħila tal-attriċi, b'dana illi tiġi stabbilita d-data meta l-konvenut ikun ta lok għat-tkissir taż-żwieġ;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F u G, aħwa Farrgia, esklussivament f'idejn l-attriċi;

4. Takkorda manteniment adegwat għall-attriċi nnifisha, għal minuri F u G B, kif ukoll għal oħthom E B li minkejja li hija maġġorenni għadha studenta fuq bażi *full-time,* bil-modalitajiet li jidrilha xieraq il-Qorti;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqG l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti,

6. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha *'Abela'*;

7. Tawtorizza lill-attriċi tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza odjerna.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi abbażi tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-attriċi tilefet id-dritt tagħha li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment minn għand l-konvenut;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F u G aħwa B, konġuntivament f'idejn iż-żewġ partijiet, b'dana illi jiġi ffissat aċċess lill-konvenut sabiex jgawdi lil minuri;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqG listess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, filwaqt li tiddividi l-ġid l-ieħor komuni bejn il-kontendenti iżda li ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tillikwida u tassenja lil konvenut l-assi parafernali tiegħu, filwaqt li tordna lill-attriċi tirrestitwixxi lil konvenut dawk il-beni u krediti parafernali tiegħu;

6. Tillikwida l-benefikati li saru fid-dar matrimonjali tal-partijiet, u tordna lill-attriċi tħallas lil konvenut sehemu minn tali benefikati;

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm disgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha,[11] l-attriċi tispjega illi huma ltaqgħu fl-24 ta' Jannar 1993, tramite l-ħabib tagħha H I. Minn dakinhar 'il quddiem, il-partijiet bdew joħorġu flimkien. L-attriċi tispjega illi l-kumpanija tiegħu kienet waħda pjaċevoli għaliex kien iħobb jiċċajta u jdaħħaq, iżda l-attitudni tiegħu ma kienetx l-istess anzi tgħid li *"ma tantx kienet laqtitni"*. Madanakollu l-attriċi kienet tal-fehma illi ma tistgħax tiġġudika persuna u l-konvenut seta' ukoll maż-żmien jeduka ruħu. Ftit qabel ma ltaqgħat mal-konvenut, l-attriċi kienet għadha kemm bdiet taħdem l-ST Microeletronics bħala *machine operator*, iżda hekk kif bdiet tiffekwenta li konvenut, dan dlonk beda jallega li l-attriċi kienet qiegħda taqlibilu mad-*driver* li

[11] Fol. 562, 611.

kien iwassalha x-xogħol. Spiċċa sabiex il-konvenut ried lill-attriċi tagħżel bejnu u l-post tax-xogħol, u l-attriċi tgħid li dak iż-żmen kienet għażlet lilu mingħajr ma kellha impjieg alternattiv. Eventwalment l-attriċi sabet xogħol, għal wieħed tnejn, iżda ma kellhiex introjtu tajjeb. L-istess jingħad għal konvenut li dak iż-żmien kien *deliveryman* fuq bażi *full-time*, u kien jagħmel ukoll *part-time* jaħdem fil-postijiet.

Pero' f'temp ta' sentejn u nofs, il-konvenut kien temm ir-relazzjoni mal-attriċi għal tlett (3) darbiet u dan għaliex kien jiddejjaq. Madanakollu wara l-aħħar darba li ma baqgħux flimkien f'Awwissu 1995, u l-attriċi kienet konvinta li dik id-darba r-relazzjoni tagħhom intemmet darba għal dejjem, huma xorta spiċċaw mill-ġdid flimkien hekk kif il-konvenut ikkonvinċa lill-attriċi li huwa verament iħobbha u li ser jinbidel. Pero' jingħad illi ma' tlett (3) snin flimkien, l-attriċi xorta waħda ma setgħatx tifhem l-attitudni tiegħu, għalfejn il-konvenut kien isir nervuż mix-xejn u lil ommu dejjem kien ikellimha ħażin. Jingħad illi meta kienet tittenta toħloq djalogu miegħu biex tispjegalu kif kienet tħossha, kien dejjem jgħidilha li kellha moħħha mimli bit-thewdin. Minkejja dan, il-partijiet iżżewġu f'April tas-sena 1996.

Wara ż-żwieġ il-konvenut beda jaħdem għal rasu, u dejjem kellu x-xogħol iżda bħala familja qatt ma kienu jaraw dħul żejjed. Anzi a kuntrarju, huwa kien dejjem ittella' l-kontijiet mal-ħwienet. Minkejja li l-konvenut kien bieżel, huwa kien traskurat u mhux darba jew tnejn li spiċċaw b'xi servizz sospiż, jew bla dħul taċ-*children allowance* hekk kif il-konvenut ma kienx jimla' l-formoli tat-taxxa, jew bil-kirja tad-dar lura, iżda minnflok il-konvenut kien hemm istanzi fejn pprefera jsiefer biex jara logħba *football* milli jħallas il-kontijiet. Dawn iċ-ċirkostanzi kien jirrabbjaw ferm lill-attriċi, iżda tgħid li ma kellhiex tant ma' min tiftaħ qalbha, ħlief xi ftit ma' ommha li kienet tmur żżurha ta' spiss. Dan a kuntrarju ta' missierha, li għalkemm qatt ma ndaħal jew qal xejn, l-attriċi kienet tħoss li misserha ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni tagħha.

Meta ħarġet tqila għat-tielet darba, din ma kienetx aħbar mistennija u l-problemi komplew hekk kif il-partijiet kellhom problema bix-xogħol, bil-flus, bil-kontijiet u d-dejn. Il-biża' tal-attriċi kien illi bit-tielet wild iktar ser jispiċċaw bla flus, f'liema żmien il-konvenut kien ukoll qiegħed b'kawżi legali pendenti rigward il-ħlasijiet tal-VAT. L-attriċi kienet tħoss li bħala familja kienu qegħdin jgħixu f'ċertu faqar, iżda għal konvenut is-sitwazzjoni ma kienetx l-istess għaliex skontu

kienu qegħdin jgħixu bħal kwalsiasi familja normali. Madanakollu l-attriċi tispjega li huma la kienu jmorru għand it-tabib b'mod regolari, għall-ikel kienu neqsin, tant li darba minnhom kellha ssarraf il-flixken tal-luminata biex ikollha l-flus biex tixtri l-ikel. Għalhekk l-attriċi kienet tħeġġeġ lil konvenut biex ibiddel ix-xogħol u jmur jaħdem man-nies fejn ikun jista' xorta waħda jagħmel xogħol *part-time* filwaqt li l-bolla u t-taxxa tkun imħallsa, iżda il-konvenut ma riedx. Il-kontijiet kienu rikbuhom, u jagħmlu x'jagħmlu qatt ma setgħu jiġu fuq saqajhom. Jingħad li l-konvenut kien għamel żmien jaħdem il-Libja, iżda wara sena u nofs dan ix-xogħol ġie tterminat u b'hekk il-konvenut beda jaħdem mill-ġdid għal rasu bħala *handyman*. Ix-xogħol żdied u kien hemm wieħed ċertu J ta' *Cresta Services* li beda jagħti xogħol lil konvenut, iżda wara ftit kien inqala' xi disgwid hekk kif darba minnhom meta l-konvenut kien qed iwaħħal kamra tal-banju għand waħda mara, din tal-aħar ma ħallsitux għaliex kienet sabet flus nieqsa mill-*wallet* u kienet ċerta li kien il-konvenut.

L-attriċi tispjega ukoll li kien hemm perjodu fejn kienet inkwetata li bħala familja kienu ser jispiċċaw bla saqaf fuq rashom għaliex in vista li huma kienu jgħixu fi proprjeta' ta' nannuha, dan tal-aħħar spiċċa biex għadda għal ħajja aħjar u familtha kellhom id-dritt li jkeċċuwhom. Fil-fatt z-ziju tagħha kien affronta lill-attriċi dwar kirja b'lura li kienet telgħet fis-somma ta' LM2,000, kif ukoll kien hemm kontijiet tad-dawl u ilma li kienu għadhom pendenti. Pero' inzerta illi permezz tal-wirt, omm l-attriċi rnexxielha tiret d-dar fejn kienu jgħixu l-ġenituri tagħha, liema dar sussegwentament bdew jgħixu fiha l-partijiet. Omm l-attriċi kienet għinithom ħafna sabiex jirranġaw l-imsemmi post, u l-konvenut kien ukoll ħadem fl-istess dar. Fl-istess żmien l-attriċi tgħid li kienet tmur taħdem bħala *helper* fid-djar tan-nies, iżda hija xtaqet illi tmur taħdem bil-ktieb tax-xogħol u fuq bażi *full-time* – madanakollu l-konvenut ma riedx.

Wara ftit żmien li daħlu fid-dar il-ġdida, reġa' beda l-gwaj hekk kif il-konvenut kellu xi jgħid ma' J ta' *Cresta Services* minħabba li skontu l-konvenut kien seraqlu xi *envelopes* bil-flus mill-uffiċċju tiegħu, u b'hekk ix-xogħol ma' J naqqas ħafna. Għalhekk l-attriċi bdiet ukoll tissuspetta ħażin f'żewġha, għaliex skontha dawn l-akkużi ma jiġux mix-xejn. Il-fiduċja f'żewġha bdiet tiddeterjora, anke għaliex skontha l-konvenut kien qed jigdeb. Magħdud ma' dan, iktar ma jgħaddi żmien, is-sitwazzjoni finanzjarja bdiet sejra għall-agħar, tant li spiċċaw ibiegħu d-deheb tat-tfal sabiex ikun jista' jitħallas id-dejn. Mhux l-ewwel darba li l-attriċi kellha titlob flus lil ommha, jew kienet saħansitra titlob lit-tfal dawk il-flus li

kienu jaqalgħu. Nonostante dan, il-konvenut ried illi jmorru *cruise* bħala familja, u l-flus minfuqa kienu flusu.

L-attriċi tispjega li bdiet tara lil żewġha mfixkel, kien ġej u sejjer id-dar fil-ħin illi suppost kien ikun ix-xogħol, u ddeskrivitu bħala persuna *"b'mohhu mtajjar"*. Tagħti rendikont kif darba fost l-oħrajn fis-sena 2013 kien qiegħed jaħdem għand familja, u dawn kienu sabu xi flus u ġojjellerija nieqsa minn darhom. Għalkemm il-konvenut kien innega, il-familja li għandhom kien qed jaħdem għamlu rapport mal-Pulizija, tant li l-konvenut spiċċa biex ammetta. Tispjega ukoll li maż-żmien saret taf ukoll illi żewġha kien nqabad jisraq mill-Każin tan-Nazzjonalisti fir-Rabat Malta. Iżda min-naħa tiegħu, il-konvenut dejjem ċaħad tali akkużi u qal li kienu lagħbuh. L-attriċi tgħid li saret taf ukoll li l-konvenut kien seraq lil xi ħbieb tagħhom, K u A L, kif ukoll lil M u N O. Għalhekk l-attriċi fittxet l-għajnuna ta' Fr. Marcellino, iżda l-konvenut ma riedx jaf b'għajnuna u lanqas ried jammetti dwar is-serq. Madanakollu, l-attriċi tgħid li l-qassis lilha kien għinha ħafna, għax kien għinha ssib xogħol, filwaqt li kien jagħtiha s-sapport u l-kuraġġ kontinwu li kellha bżonn, tant li bdiet tħossha aħjar.

Konsegwentament, il-partijiet kellhom lir-raba' (4) wild, u l-attriċi kienet ħadet xokk qawwi meta saret taf li kienet tqila, iżda għal żewġha qisu xejn mhu xejn. L-attriċi tgħid li d-dar kienet qiegħda tgħix f'biża' kbira għaliex lil żewġha ma kienetx tafdah, dejjem igerfex u x-xogħol imur bla ħeġġa. Il-flus dejjem nieqsa minnhom, tant li f'Diċembru tal-2014 kienu qatawlhom id-dawl minħabba li kien hemm ħafna kontijiet pendenti, liema kontijiet baqgħu ma tħallsux u dan minkejja li l-konvenut kien iwiegħed lill-attriċi li ser iħallas kollox. L-attriċi spiċċat tilfet ix-xogħol, u marret titlob l-għajnuna mill-Caritas u l-Appoġġ. Bdiet tfittex ix-xogħol u sabet xogħol fuq bażi *full-time* ma' *Tatara Bathrooms* f'Ġunju 2015. Magħdud ma' dan l-attriċi tisħaq li żewġha ma setgħax ikompli jgħix magħhom għaliex kien sors ta' inkwiet, instabbilita' u tensjoni, u fil-fatt fis-26 ta' Ġunju 2015 huwa telaq mid-dar. Għalkemm f'Awwissu tal-istess sena, il-partijiet ippruvaw jirrikonċiljaw, dan ma seħħx minħabba l-attitudni tal-konvenut stess u l-viżjoni tiegħu tiegħu lejn il-ħajja.

L-attriċi tispjega li kienet psikoloġikament u emozzjonalment imkissra, tat li bdiet u baqgħat tmur għand il-psikologu Dr Nicholas Briffa, u bis-sapport tal-ġenituri tagħha bdiet tmur għall-aħjar.

Sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *L-affidavit ta' P Abela, ossija omm l-attriċi, debitament maħluf nhar l-20 ta' Novembru 2018 u ppreżentat it-3 ta' Diċembru 2018*, fejn tikkonferma l-verżjoni ta' bintha;

b. *L-affidavit ta' Q Abela, ossija missier l-attriċi, debitament maħluf nhar l-20 ta' Novembru 2018 u ppreżentat it-3 ta' Diċembru 2018*, fejn jikkonferma l-verżjoni ta' martu;

c. *Ix-xhieda ta' Carmel S, ossija l-kuġin ta' omm l-attriċi, debitament maħluf nhar l-20 ta' Novembru 2018 u ppreżentat it-3 ta' Diċembru 2018*,[12] fejn jikkonferma illi huwa kien sellef lill-partijet is-somma ta' €2,200, fejn is-somma ta' €1,000 tħalset iżda fadal bilanċ ta' €1,200. Barra minn hekk jgħid li lil C qatt ma kien jarah inkwetat u dejjem qisu xejn ma hu xejn;

d. *Ix-xhieda ta' T U, ossija ħu omm l-attriċi, debitament maħluf nhar l-20 ta' Novembru 2018 u ppreżentat nhar it-3 ta' Diċembru 2018*,[13] li jikkonferma li l-partijiet kienu ilhom ma jħallsu kera lil missieru għal ħames (5) snin. Jgħid li meta ħa d-dar hu bil-wirt u l-partijiet ħarġu mid-dar, hu qatt ma talabhom il-kirja u huma lanqas qatt ma qalulu biex iħalsuh;

e. *Ix-xhieda ta' Dr Nicholas Briffa*,[14] li jikkonferma li kien jaf lill-attriċi għaliex ġiet riferuta għandu, u jispjega li minħabba ċirkostanzi matrimonjali diffiċli kienet għaddejja minn żmien iebes pikoloġiku, u għalhekk it-terapija miegħu kienet konċentrata dwar turbolanza emozzjonali. Jikkonferma illi tul is-sentejn li kienet tmur għandu ra kambjament fl-attriċi dwar kif tikkumbartti mal-ħajja, trabbi t-tfal u tleħħaq max-xogħol. L-ilment tagħha fil-bidu kien dwar abbuż psikoloġiku da parti żewġha u gideb li sofriet għal snin twal;

f. *Ix-xhieda ta' Fr Marcellino L*,[15] fejn jikkonferma li ltaqa' mal-partijiet meta kienu se jiżżewġu u l-attriċi kienet tqila. Jikkonferma li jaf il-familji taż-żewġ partijiet. Ix-xhud jispjega li fil-mixja taż-żwieġ tal-partijiet kellu

[12] Fol. 545.
[13] Fol. 547.
[14] Fol. 548.
[15] Fol. 555.

jintervjeni kemm-il darba għal rikonċiljazzjoni, u l-problema prinċipali kienet il-flus għax C ma kellux immaniġjar tajjeb tal-flus tant li ssellef somom kbar tal-flus, seraq familjari tax-xhud anke flus lill-attriċi. Jingħad illi l-konvenut kien salvaġġ fid-diskussjoni, ma kienx jagħti lill-attriċi ċans titkellem, u kien irrifjuta li jmur għall-għajnuna l-Caritas minħabba d-dejn bl-użura. Ix-xhud jisħaq li kien jikkonfronta lil konvenut, huwa kien jaħrab mill-verita' u x'ħin jiġi daru mal-ħajt ma jibqgħax jikkomunika. Għalhekk jiddefinixxi lil żewġha bħala persuna bi problema kbira ta' komunikazzjoni, anzjuż, ma kienx jipprovdi finanzjarjament b'mod regolari għal ħtiġijiet tal-familja, u ħafna mill-*issues* li kellu kienu dovuti għat-tfulija tiegħu. Min-naħa l-oħra jgħid li l-attriċi kienet *submissive* u rrassenjat ruħha għas-sitwazzjoni. Ix-xhud jgħid *"C ma kien jonqsu xejn f'din il-mara. A irrikorriet għall-għajnuna professjonali u spiritwali u għamlet minn kollox minkejja li kienet għadha żgħira meta żżewġet"*.[16] Jikkonferma ukoll li għalkemm ma kienx hemm vjolenza fiżika, il-konvenut kien farrak lil-attriċi psikoloġikament tant li qatt ma setgħat tieħu ruħ u jiddeskrivi ż-żwieġ tagħhom bħala *"l-infern tad-dinja"*, fejn *"C kien jemmen il-gideb tiegħu stess"*;[17]

g. <u>Nota ġuramentata tal-attriċi fejn tagħti rendikont tal-bilanċ dovut lilha</u>,[18] ċjoe': (i) €2,995 sehemu mill-ħlas lil Michael Attard Limited,[19] (ii) €1,247 sehemu mill-ispejjeż edukattivi u mediċi tat-tfal skont id-digriet tal-5 ta' Novembru 2016,[20] (iii) €3,300 bħala arretrati ta' manteniment għal sitt (6) xhur li ma ħallasx minn Lulju 2016 sa meta ngħata d-digriet, (iv) somma determinata mill-Qorti sabiex tirrappreżenta sehem l-intimat mill-ispejjeż u edukattivi u mediċi f'dawk is-sitt (6) xhur, (v) €2,346.34 sehemu mill-kontijiet tal-ARMS sakemm kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali,[21] (vi) €5,293.57 bħala multi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta li ġew mħalsa mill-komunjoni tal-akkwisti,[22] (vii) €2,682.94 bħala flejjes illi huwa seraq mingħand il-familja L skont is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, inkluż €353.57 fi spejjeż tal-esperti,[23] (viii) €3,679.28 liċenzji b'lura u ċitazzjonijiet

[16] Fol. 555.
[17] Fol. 556.
[18] Fol. 579.
[19] Ara rċevuti, a fol. 581 – 590, li jammontaw għal tali somma.
[20] Fol. 591 – 601.
[21] Fol. 602
[22] Fol. 604.
[23] Fol. 605.

pendenti fuq il-Peugeot Boxer bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF-297,[24] (ix) €1,200 lil Carmel S, (x) €1,000 lil Q Abela, (xi) arretrati ta' ħlas tal-VAT, u (xii) arretrati ta' taxxa tad-dħul;

h. *Ix-xhieda ta' V Abela in rappreżentanza ta' Cassia Ironmongery*,[25] li jiddikjara li lill-konvenut ma jafux, imma minn wiċċu għarfu għax klijent tagħhom. Ma jafx jekk il-konvenut għandux dejn magħhom, iżda rari li huma jbiegħu bid-dejn. Jikkonferma li huwa qatt ma mar id-dar tal-partijiet għaliex qatt ma kellu għafejn;

i. *Ix-xhieda ta' T X Y in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni*,[26] li ppreżenta l-istima tat-taxxa għal numru ta' snin.[27] Jingħad illi mis-sena stima 2002 sal-preżent (ċjoe' sal-2017 meta saret ix-xhieda) ma ġiet ippreżentata l-ebda formola mill-partijiet;

j. *Ix-xhieda ta' H Z in rappreżentanza ta' Penuel Hardware*,[28] li jikkonferma li jaf lill-konvenut u li għandu kont magħhom fis-somma ta' €746.48 fuq diversi oġġetti, liema somma għadha ma tħallsietx u għadhom dovuti. Għal tali raġuni huwa jippreżenta 4 *invoices* li flimkien jammontaw għal tali ċifra;[29]

k. *Ix-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' ARMS Ltd*,[30] li xehed dwar il-fond *"19A, Dar in-Nanniet, Triq Bir l-Iljun, Rabat Malta"*, u jippreżenta: (i) kont maħruġ fuq isem P Abela fl-ammont ta' €122.17,[31] (ii) tlett (3) *statements* ta' bejn is-sena 1996 sas-sena 2007,[32] Lulju 2007 sa Ġunju 2009,[33] u ieħor maħruġ mill-ARMS Ltd,[34] (iii) estratt tal-pagamenti li saru,[35] u (iv) żewġ *agreements* li saru bejn ARMS Ltd u P Abela għal ħlasijiet mensili, liema *agreements* huma datati 21 ta' Mejju 2014 għal ħlas

[24] Fol. 608, li jammontaw għal €2,418.
[25] Fol. 288.
[26] Fol. 288.
[27] Fol. 292, stima tas-sena 1999 ta' A B bħala mara tad-dar; Fol. 294, stima għas-sena 1999 ta' C B bħala *self employed*; Fol. 296 stima għas-sena 2000 ta' C B bħala persuna bla xogħol u qiegħed jirreġistra għax-xogħol; Fol. 298, stima għas-sena 2001 ta' C B bħala bajjad.
[28] Fol. 289, 314.
[29] Fol. 321 – 324.
[30] Fol. 315.
[31] Fol. 325.
[32] Fol. 327
[33] Fol. 330.
[34] Fol. 331.
[35] Fol. 334.

ta' €3,614.78,[36] u 6 ta' Awwissu 2015 għal ħlas ta' €3,110.41.[37] Skont ix-xhud, l-ammont pendenti huwa dak ta' €122.17;

l. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[38] li jiddikjara li l-intimat kien jipperċepixxi l-għajnuna għal-qagħad fl-2000.[39] Madanakollu jgħid li ma huwiex f'pożizzoni li jixhed x'ġara qabel minħabba kif kienet is-sistema' tad-Dipartiment;

m. *Ix-xhieda ta' Stefan Sacco in rappreżentanza ta' Michael X*,[40] fejn jiddikjara li l-partijiet xtraw vettura minngħand Antoine Auto Dealer li d-dejn tagħha kien mixtri minn Michael Attard Ltd. Dan id-dejn tħallas, u jikkonferma illi dwar pagamenti kien isir kuntatt mal-attriċi, u għalkemm ġieli tkellem mal-konvenut jingħad illi *"ir-rizultat u l-pagament specjalment lejn l-ahhar dejjem saru ma' A. Dejjem A giet bil-flus"*. Ix-xhud ippreżenta dokument li juri t-*transactions* kollha li saru mill-2010 sakemm ingħalaq il-kont fis-7 ta' Marzu 2017;[41]

n. *Ix-xhieda ta' E Ruth Ciantar in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali*,[42] fejn eżebiet kopja legali ta' sentenza mogħtija mill-Maġistrat Carol Peralta datata s-26 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet ***Pulizija vs C B***,[43] fejn abbażi ta' ammissjoni volontarja l-konvenut instab ħati talli fit-13 ta' Marzu 2013 u l-5 ta' April 2013 mill-fond *'10, Elizabeth Court, Flat 4, Triq San Tumas Rabat'* ikkommetta serq ta' ġojellerija u xi flus kontanti, liema serq *inter alia* kien aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37. filwaqt li tikkonferma li ma sabet l-ebda sentenza oħra relatata mal-intimat mill-2000 'il quddiem;

o. *Ix-xhieda ta' Antoine Falzon in rappreżentanza tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista tar-Rabat*,[44] jiddikjara huwa ma għandux filmat tal-konvenut jisraq mill-każin is-somma ta' €2,000 fi flus stante li huwa kien leħaq ftehim mal-partijiet li l-ammont misruq jiġi mħallas lura bil-patt u l-kundizzjoni li

[36] Fol. 336.
[37] Fol. 340.
[38] Fol. 345.
[39] Fol. 347.
[40] Fol. 351.
[41] Fol. 354.
[42] Fol. 362.
[43] Fol. 365.
[44] Fol. 363.

l-filmat jiddistruġġih, liema ftehim sar quddiem in-Nutar Dr Robert L. Madanakollu jgħid li kopja ta' dan il-filmat ingħata lill-attriċi;

p. *Ix-xhieda ta' WPC 212 Adelaide Ellul in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[45] li eżebiet ħmistax-il (15) rapport magħmula mill-attriċi kontra l-konvenut:

(a) Rapport datat 23 ta' Novembru 2015 rigward inċident li seħħ nhar l-10 ta' Novembru 2015,[46] fejn l-attriċi rrappurtat li matul il-proċeduri ta' separazzjoni, żewġha qed jibgħatilha diversi messaġġi kif ukoll iċemplilha b'mod li kien qed idejjaqha – iżda liema messaġġi u telefonati qatt ma kienu jikkonsistu f'theddid jew insulti, iżda tħoss li hekk ma tistgħax taqta' kull kuntatt jekk ha jibqa' jikkuntattjaha. Għalhekk talbet lil Pulizija jkellmu lil żewġha biex ma jibqgħax jagħmel kuntatt magħha;

(b) Rapport datat 18 ta' Mejju 2016,[47] fejn l-attriċi rrappurtat kwistjoni dwar l-aċċess;

(c) Rapport datat 21 ta' Mejju 2016,[48] fejn l-attriċi rrappurtat kwistjoni dwar l-aċċess, fejn kien hemm tgħajjir involut;

(d) Rapport datat 4 ta' Ġunju 2016,[49] fejn l-attriċi rrappurtat illi waqt li hija kienet qiegħda xogħol, għadda r-raġel tagħha bil-vettura idoqq il-ħorn u jħares lejha mingħajr ma jkellimha;

(e) Rapport datat 22 ta' Novembru 2016,[50] fejn ġie rrappurtat mill-attriċi li l-konvenut ma ħallasx manteniment għax-xahar ta' Novembru;

(f) Rapport datat 15 ta' Novembru 2016,[51] fejn ġie rrappurtat mill-attriċi illi wara li bgħatet messaġġ lil żewġha dwar xi *parents' evening* tal-miniuri, il-konvenut bgħatilha lura messaġġi li jgħidu *"lilek ma*

[45] Fol. 370.
[46] Fol. 373.
[47] Fol. 376.
[48] Fol. 379.
[49] Fol. 382.
[50] Fol. 384.
[51] Fol. 386.

*nixtieql9ek xejn minix bżonnok tajjeb hafna minghajrek", "strihajt", "qed ngħix mhux neżisti issa grazzi kollox minn qalbi"*;

(g) Rapport datat 21 ta' Jannar 2017,[52] fejn ġie rrappurtat mill-attriċi li l-konvenut ma ħallasx manteniment għax-xahar ta' Jannar 2017;

(h) Rapport datat 20 ta' Frar 2017,[53] fejn l-attriċi rrappurtat li l-konvenut ma ħallasx manteniment għax-xahar ta' Frar 2017;

(i) Rapport datat 2 ta' Lulju 2017,[54] fejn l-attriċi rrappurtat dwar kwistjoni rigward l-aċċess;

(j) Rapport datat 7 ta' Lulju 2016,[55] fejn l-attriċi rrappurtat li żewġha ċemlilha biex jiltaqa' magħha u jkellimha wiċċ'imb'wiċċ, iżda hi ma tridx għax għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u jitkellmu biss dwar it-tfal;

(k) Rapport datat 12 ta' Lulju 2017,[56] fejn l-attriċi rrappurtat dwar kwistjoni rigward l-aċċess fejn l-intimat kien negliġenti ma' uliedu;

(l) Rapport datat 18 ta' Lulju 2017,[57] fejn l-attriċi rrappurtat dwar kwistjoni rigward l-aċċess fejn l-ulied kienu imdejqa bl-attitudni ta' missierhom, fejn kien jidgħi u jgħajjat magħhom;

(m) Rapport datat 1 ta' Settembru 2017,[58] fejn l-attriċi rrappurtat dwar kwistjoni rigward l-aċċess fejn il-konvenut infurmaha li ma kienx ser jiġbor lit-tfal;

(n) Rapport datat 7 ta' Marzu 2018,[59] fejn l-attriċi rrappurtat dwar kwistjoni rigward l-aċċess fejn il-konvenut infurmaha li ma kienx ser jiġbor lit-tfal;

[52] Fol. 389.
[53] Fol. 392.
[54] Fol. 394.
[55] Fol. 397.
[56] Fol. 400.
[57] Fol. 403.
[58] Fol. 405.
[59] Fol. 408.

(o) Rapport datat 9 ta' April 2018,[60] fejn l-attriċi rrappurtat dwar kwistjoni relatata mal-aċċess fejn il-konvenut naqas mili jeżerċita d-dritt tiegħu għall-aċċess;

q. *<u>Ix-xhieda tal-Maġġur John Mary Camilleri</u>*,[61] li ppreżenta kopja tal-fedina penali tal-konvenut,[62] fejn instab ħati: (i) nhar il-15 ta' Jannar 2009, it-2 ta' April 2009, l-20 ta' Mejju 2010, s-17 ta' Jannar 2013 fuq kwistjonijiet relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud, (ii) nhar is-26 ta'Marzu 2015 fuq kwistjoni relatata ma' serq, u (iii) nhar is-27 ta' Mejju 2017 fuq kwistjoni relatata ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment;

r. *<u>Ix-xhieda tal-iSpettur Elliot Magro in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>*,[63] li eżebixxa żewġ rapporti ulterjuri li saru mill-attriċi kontra l-konvenut:

(a) Rapport datat 4 ta' Lulju 2018,[64] fejn l-attriċi rrappurtat fuq kwistjoni relatata mal-aċċess, fejn il-konvenut naqas milli jmur jiġbor lill-uliedu;

(b) Rapport datat 21 ta' Ottubru 2018,[65] fejn l-attriċi rrappurtat li l-konvenut ma ħallasx manteniment għax-xahar ta' Ottubru kif ukoll naqas milli jagħtiha nofs l-isoejjeż għas-saħħa u edukazzjoni ta' uliedhom;

s. *<u>Ix-xhieda ta' Romina Desira in rappreżentanza ta Transport Malta</u>*,[66] fejn ikkonfermt li d-dokument datat 26 ta Frar 2019 kien maħruġ u ffirmat minnha stess,[67] liema dokument jistipula illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF-297, kelha l-liċenzja skaduta sa mit-30 ta' Settembru 2014, u sal-ġurnata li nħarġet l-ittra kien hemm penali ta' €2,418 u li l-vettura setgħat tiġi *scrapped*;

[60] Fol. 411.
[61] Fol. 370.
[62] Fol. 414.
[63] Fol. 422.
[64] Fol. 424.
[65] Fol. 427.
[66] Fol. 645.
[67] Fol. 635.

t. *Ix-xhieda ta' Joanna Calleja in rappreżentanza tal-Malta Freeport u Terminals Ltd*,[68] fejn ġie kkonfermat illi l-konvenut jinsab ingaġġjat magħhom bħala *'equipment operator D'* fejn isuq *trucks* u *lifters* żgħar u fi żmien ix-xhieda l-intimat kien għadu fuq *probation*. Ġie eżebit: (i) l-kuntratt tax-xogħol għal tlett (3) snin,[69] (ii) dokument li jagħti l-informazzjoni kollha dwar il-paga, fejn dik bażika hija ta' €16,494.42 u dan skont il-ftehim kollettiv bejn il-Malta Freeport Terminals Ltd u l-UĦM,[70] u (iii) dokument li jindika l-introjtu sħiħ tal-intimat sal-ġurnata tax-xhieda;[71]

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Fl-affidavit tiegħu,[72] il-konvenut jikkonferma li ltaqa' mal-attriċi nhar l-24 ta' Jannar 1993, fejn kienu ltaqgħu bħala grupp. Jingħad illi iktar ma' bdew jiltaqgħu, iktar kienu qegħdin jieħdu gost fil-kumpanija ta' xulxin tant li bdew relazzjoni flimkien. Għalkemm jisħaq li maż-żmien bdew imorru fid-dar ta' xulxin, huwa jikkonferma li hu u missier l-attriċi ma kienu jaqblu f'xejn, jgħid li kien ditattur, u ma kienux imorru tajjeb flimkien hekk kif skontu missier l-attriċi riedha ssib raġel tal-iskola. Ma jgħidx l-istess fir-rigward ta' omm l-attriċi, anzi jgħid li kien iħobbha u jirrispettaha daqs ommu.

Konsegwentament jispjega illi l-attriċi ħarġet tqila meta kienu għadhom mhux miżżewġin, u meta sar jaf missier l-attriċi dan kien ħadha bi kbira, u li kien għalih kienu jbierku ċrieket quddiem qassis, iżda minnflok il-partijiet għażlu li jiżżewġu u jagħmlu riċeviment. Wara li żżewġu marru joqgħodu mal-ġenituri tal-attriċi. Sakemm nhar it-18 ta' Settembru 1996 twieled l-ewwel tifel tagħhom, D B, u wara sitt (6) xhur mit-twelid, missier l-attriċi kien qal lill-partijiet sabiex isibu post fejn joqgħodu, tant li kienu marru joqgħdu fi flat tan-nanna tal-attriċi li jinsab fi Triq Patri G.A. Boneli r-Rabat, u dan versu l-kirja ta' LM50 fix-xahar. Sakemm kienu qegħdin jgħixu hemmhekk il-partijiet, nhar l-4 ta' Lulju 1998 twieldet ukoll it-tieni wild, E B. Jingħad li dak iż-żmien, missier l-attriċi kien sab lil konvenut u qallu *'mela int sa toqghod taghmel it-tfal?'*. Fil-post in kwistjoni, il-partijiet kienu għamlu tnax-il (12) sena jgħixu hemm, u kull manutenzjoni għamluha huma a spejjeż tagħhom, inkluż iż-żebgħa, kamra tal-banju ġdida, kċina ġdida, u l-bitħa

[68] Fol. 651.
[69] Fol. 654.
[70] Fol. 657.
[71] Fol. 666.
[72] Fol. 707.

kabbruha fejn għamlu kamra tal-injam fiha. Huma kellhom jitilqgħu wara l-mewt taż-żewġ nanniet tal-attriċi, iżda in vista li omm l-attriċi kienet ser tiret, il-konvenut jgħid li hu u martu kienu tkellmu ma' omm l-attriċi u kienet qaltilhom li dak li kienet ser tiret kienet tatijulhom sabiex jgħixu fih. Fil-fatt jikkonferma li huma marru jgħixu fil-post tan-nanniet tal-attriċi, li kien imiss lill-omm l-attriċi bil-wirt. Madanakollu l-konvenut jikkonferma li huma kellhom jirranġaw il-post, u kellhom jagħmlu alterazzjoni fil-bini, dawl, ilma, kisi, żebgħa, madum tal-bitħa, kamra tal-banju, kamra tal-ħasil, tgħorik tal-madum eżistenti, aluminium, u żebgħa tal-aperturi tal-injam.

Il-konvenuut jgħid illi sakemm lestew mix-xogħol tad-dar, huwa baqa' għaddej bix-xogħol tiegħu, u dan anke' jekk l-attriċi kienet tgħidlu biex inaqqas ix-xogħol biex ikollu ħin mal-familja għaliex l-introjtu tal-familja kien ġej purament mix-xogħol tiegħu stante li l-attriċi kienet biss taħdem ta' *helper* ma' żewġ familji darbtejn fil-ġimgha u taqla' LM20 fil-ġimgħa. Huwa jispjega li *"fi 18-il sena mizzewweg qatt ma kelli xi ngerger dejjem ftemna kollox flimkien u dejjem zammejna lil xulxin tajjeb. Imma dik il-haga li dejjem tgerger ghal flus kinet ta ugigh ta ras u dejjem affarijiet tajbin kienet tixtri anke hwejjeg kollox tad-ditta u jien qatt ma gergirt ghat-tfal ghax jien ghalija kollox kien jghaddi x'nilbes u min naha taghna it-tnejn lit-tfal qatt ma hallejnihom neqsin minn xejn. Vera meta tkun tahdem ghal rasek dejjem bil-flus barra u din A qatt ma setghet tifimha u jien kont nipprova nikkuntenta lil kullhadd".*[73]

Magħdud mal-premess, il-konvenut jgħid li f'Diċembru 2013 kien għamel l-ikbar żball ta' ħajtu fejn seraq €1,800 minngħand Anton Falzon li dak iż-żmien kellu l-każin tal-Partit Nazzjonalista tar-Rabat. Dawn il-flejjes tħallsu lura. Jispjega li l-flus li kien idaħħal kienu qegħdin jonfquhom kollha fuq id-dar, fil-fatt ħuh stess kien jgħidlu li palazz għandu. Fis-sena 2015 id-dar kienet lesta minn kollox, u ma kien hemm xejn dejn. Madankollu f'Marzu tal-2015 bdew l-argumenti, tant li fis-26 ta' Ġunju tal-istess sena kellu jitlaq mid-dar matrimonjali, u kellu jikri flat ġewwa Buġibba. Fis-16 ta' Awwissu, il-partijiet kienu ltaqgħu u tkellmu, fejn bdew joħorġu fil-*weekend* u jċemplu lil xulxin kuljum. Jingħad illi meta kienet tmur lura d-dar, l-attriċi kienet tibki ħafna għax kienet tixtieq li tibqa' flimkien ma' żewġha imma dan kien impossibbli stante li kienet tibża' ħafna minn missierha. Fil-fatt meta l-ġenituri tagħha saru jafu li kienu qed jitkellmu u

[73] Fol. 711.

jiltaqgħu, għamlu minn kollox biex jifirduna, u fil-fatt hekk ġara għaliex fil-21 ta' Ottubru 2015 l-attriċi ċemplet lil konvenut u qaltlu biex jinsiha.

Il-konvenut jikkjarifika illi huwa ma jaqbilx ma' diversi allegazzjonijiet li saru mill-attriċi fl-affidavit tagħha, fosthom illi kellu moħħu mtajjar u li huma kienu jgħixu fil-faqar iżda jħid li kienu jgħixu komdi bil-paga li kellu. Jispjega ukoll li huwa kien iwarrab il-flus, liema flus intużaw biex irranġaw id-dar fejn huwa ħadem kważi kollox waħdu, filwaqt li l-introjtu li kienet iddaħħal hi kienu jkopru l-vizzju tas-sigaretti tagħha, filwaqt li kienet tonfoq mhux ħażin. Min-naħa l-oħra jiċħad li qatt seraq li sħabu K L u M O. Jispiċċa jgħid illi *"tul iz-zwieg kull ma ghamilna kien bil-kunsens tat-tnejn. Jiena niched li qatt uzajt xi forma ta' vjolenza jew li hallejt il-familja neqsa mill-bzonnijiet. Dejjem hdimt u l-flus li qlajt uzajthom fid-dar, u gha; bzonnijiet tal-familja".*[74]

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut iressaq is-segwenti provi:

i. *Diversi ritratti tad-dar matrimonjali tal-partijiet, fejn jidher li din tpoġġiet għal bejgħ*;[75]

ii. *Ix-xhieda ta' Rita Falzon in rappreżentanza ta' Tatara Bathrooms*,[76] fejn ippreżentat l-FS3 tal-attriċi għas-snin li jagħlqu 2015,[77] 2016,[78] 2017,[79] 2018,[80] 2019,[81] u 2020.[82] Barra minn hekk ġie kkonfermat li l-attriċi taħdem fuq bażi *full-time*;

iii. *Ix-xhieda tal-attriċi in kontro-eżami*,[83] fejn gie kkonfermat li D għandu 24 sena, jaħdem ta' suldat, u jgħix għal rasu f'fond li selfu zijuh; E għandha 22 sena fejn tistudja l-MCAST, taħdem fuq bażi *part-time* u tgħix magħha iżda kienet waqfet xi sena mill-istudji tagħha; F li kellu kważi 17-il sena u jistudja l-ITS; u G li għandu 6 snin u jmur l-iskola primarja. Barra minn hekk tikkonferma li E għamlet żmien ma tgħix magħha sa minn Settembru 2018

[74] Fol. 714.
[75] Fol. 715 – 722.
[76] Fol. 805.
[77] Fol. 808, fejn jidher li l-attriċi kelha introjtu gross ta' €11,887.
[78] Fol. 809, fejn jidher li l-attriċi kelha introjtu gross ta' €19,656.
[79] Fol. 810, fejn jidher li l-attriċi kelha introjtu gross ta' €18,582.
[80] Fol. 811, fejn jidher li l-attriċi kelha introjtu gross ta' €19,154.
[81] Fol. 812, fejn jidher li l-attriċi kelha introjtu gross ta' €19,537.
[82] Fol. 813, fejn jidher li l-attriċi kelha introjtu gross ta' €15,680.
[83] Fol. 816, 843, 850.

sal-aħħar ta' Jannar 2019 għaliex kienet tgħix ma' missierha. L-attriċi tikkonferma li għamlet żmien taħdem *part-time* mal-Mission Fund, u qabel dan kienet ukoll bħala *helper* fid-djar tan-nies;

Magħdud mal-premess, l-attriċi tikkonferma illi żewġha kien reġistrat mal-VAT għalkemm tgħid li żewġha kellu l-probemi ma' tal-VAT, li ommha kienet tiekol għandhom kuljum għaliex kienu joffrulha huma, li l-ewwel flat li kienu jgħixu fih kien bil-kera u rranġawh huma, kif ukoll li l-konvenut għamel diversi xogħolijiet bl-idejn. Tikkonferma ukoll illi f'tali fond, li llum japparttjeni liz-ziju tal-attriċi, Joe U, huma kienu għamlu kċina, kamra tal-banju u kamra tal-ħasil kollha ġodda – li għalihom dawn qatt ma tħallsu u qatt ma talbu l-flus. L-istess xogħol kien għamlu ukoll il-konvenut fl-aħħar dar li għixu fiha, iżda l-kċina inxtrat permezz ta' flus ta' ċertu wieħed Z1 li għadu ma tħallasx. Il-faqar li kienu jgħixu fih għaliha kien ifisser illi li ma tkunx tafx x'ħa tiekol filgħaxija, li jaqtawlek id-dawl u li ma tmurx għand tabib jew dentist. Fil-fehma tal-attriċi, il-ftit safar li seħħ kien kappriċċ żejjed meta kellhom iħallsu l-kera. L-attriċi tikkonferma illi x-xogħol tal-Libja waqfuh bla raġuni, u li fl-okkażjoniji tal-Milied kienu jixtru rigali lit-tfal flimkien. Tikkonferma ukoll li nefqu madwar €10,000 fuq żewġ vetturi. Min-naħa l-oħra tgħid illi żewġha kien ammetta illi huwa kien seraq minn familja fejn mar iqiegħed il-kamra tal-banju, iżda l-karta li ffirma ma tinsabx għandha għax kienu ramewha.

L-attriċi kkonfermat ukoll illi l-konevnut kien ipoġġi l-flus fit-tazza, u hi kienet taħseb għall-ikel, u kull darba kien isaqsiha dwar kif kien fadal daqshekk biss flus u kienet teħel hi li kienet tonfoq il-flus. Tinnega pero' li missierha qatt ħebb għal żewġha, u kif ukoll li keċċih mid-dar matrimonjali, iżda kien il-konvenut li ippakja kollox u telaq. Barra minn hekk l-attriċi tgħid li ma għandhiex relazzjoni ma' terzi, u ma kellhiex fil-passat, madanakollu tikkonferma li ġieli kellha *one-night stand* iżda wara li kien telaq żewġha mid-dar.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[84] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **E Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[85] u **P Cauchi vs Alexander Cauchi**,[86] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **E Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba*

---

[84]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diverGent preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[85]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[86]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[87] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. H Tabone**,[88] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[89]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[90]

*b. <u>Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju</u>*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[91] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi *"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali".*[92]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **E Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[93] fejn ġie dikjarat li: *"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

Mill-provi jirriżulta ċar illi l-partijiet iżżewġu nhar it-13 ta' April 1996, minn liema żwieġ għandhom erbat (4) itfal, ċjoe' D, E, F u G, aħwa B. Sfortunatament

[87]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[88]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[89]**Genoveffa Magri vs. T Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[90]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[91] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[92] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[93] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-kovenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba: (i) l-attitudni tal-konvenut tant li tiddeskrivih b'moħħu mtajjar u dan anke minħabba n-nuqqas ta' responsabbilita' da parti l-konvenut b'mod partikolari fir-rigward ta' ħlasijiet ta' kontijiet u taxxa, (ii) il-problema finanzjarja u dan minkejja li l-konvenut kien jaħdem ħafna, u (iii) in-nuqqas ta' fiduċja fil-konvenut stante s-serq u l-gideb tiegħu, liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal eċċessi, moħqrija, minaċċi u nġurji gravi. Min-naħa l-oħra, il-konvenut sfrutta mil-possibilita' li jressaq kontro-talba, fejn saħaq illi ż-żwieġ tkisser minħabba l-attriċi, u dan minħabba: (i) l-fatt li missier l-attriċi ma kienx imur tajjeb miegħu u l-attriċi kienet tibża' minn missierha, (ii) l-attriċi kienet tonfoq il-flus li kien iġib mix-xogħol tiegħu, (iii) adulterju, u (iv) nuqqas ta' kompattibilita' fil-karattru.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija waslet għal konklużjoni illi ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak *in primis* minħabba l-attitudni tal-konvenut, u dan kif ikkorraborat mix-xhieda ta' Fr Marcellino L – liema xhieda hija indubjament waħda oġġettiva għall-aħħar, kredibbli u li ma ġietx kontro-eżaminata mill-konvenut. Il-Qorti bir-reqqa rat ix-xhieda tax-xhud imsemmi, fejn pprovda stampa ċara ta' dak kollu li kien għaddej fiż-żwieġ tal-partijiet, liema żwieġ ġie deskritt bħala *'l-infern tad-dinja'*. Ix-xhud jikkonferma li jaf liż-żewġ partijiet sew, kif ukoll lil familji tagħhom, u li kemm-il darba kellu jintervjeni sabiex jirrikonċiljahom. Magħdud ma' dan ix-xhud jikkonferma li l-konvenut għandu: (i) il-problema ta' flus tant li kien jissellef u jisraq, (ii) il-problema ta' nuqqas ta' komunikazzjoni, (iii) il-problema ta' ansjeta', u (iv) il-problema ta' gideb tant li l-konvenut kien jemmen il-gideb tiegħu stess, filwaqt li min-naħa l-oħra jgħid li minkejja tali problemi, l-attriċi ppruvat tagħmel minn kollox sabiex tirranġa s-sitwazzjoni, iżda jikkonferma li bl-attitudni tiegħu, il-konvenut farrak lill-attriċi prikoloġikament. F'dan ir-rigward, it-turbolanza matrimonjali u t-tfarrik psikoloġiku ġew konsegwentament ikkonfermati mix-xhieda tal-psikologu Dr Nicholas Briffa, li kien ta' għajnuna kbira għall-attriċi sabiex timxi 'il quddiem mis-sofferenzi li ġarbet matul iż-żwieġ. Magħdud ma' dan, il-Qorti hija ukoll moralment konvinta li l-konvenut kellu ukoll il-problema ta' serq,[94] liema problema hija nnegata mill-konvenut nnifsu. Madanakollu l-atti jistabbilixxu storja differenti, u għalhekk il-Qorti temmen illi tali problema kienet ukoll

[94] Ara x-xhieda ta' Antoine Falzonmli jikkonferma li l-konvenut seraq mill-każin tal-Partit Nazzjonalista ġewwa r-Rabat Malta, kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kontra l-konvenut stess u dan wara li seraq lil koppja L.

taffettwa ż-żwieġ tal-partijiet għaliex kienet toħloq sens ta' insikurezza, dubju u nuqqas ta' kredibilita' għaliex il-konvenut dejjem b'xi storja ġdida fejn jinsisti li jkunu *'lagħbuh'*, filwaqt li tali sitwazzjoni, kull ma jmur, kienet dejjem taffettwa lill-attriċi u tnaqqas il-fiduċja tagħha fih. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma tinsabx tal-fehma illi r-raġuni għaliex ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak hija dovuta proprju għaliex l-attriċi kienet tonfoq kulma l-konvenut kien idaħħal għaliex kienet kappriċċjuża, jew inkella għaliex l-attriċi kienet tibża' minn missierha, jew għaliex l-attriċi kienet adelturuża fil-konfront tal-konvenut, iżda ż-żwieġ tkisser proprju minħabba l-attitudni tal-konvenut.

Madanakollu l-Qorti rat ukoll illi l-attriċi ammettiet illi wara li r-relazzjoni tagħha ma' żewġha ntemmet hija kellha *one-night stand* iżda tinnega li kellha relazzjoni ma' terzi. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**,[95] fejn ġie ritenut illi: *"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta, wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' terza persuna. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li, ghax ir-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet cirka hames snin wara s-separazzjoni de facto, allura hija m'ghandha ebda htija ghas-separazzjoni. B'din ir-relazzjoni extra-matrimonjali l-attrici issigillat it-tkisser taz-zwieg bejn il-partijiet b'mod li qerdet kwalunkwe speranza li dawn jergghu jghixu flimkien".* Dan il-prinċipju ġie addottat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Rachelle L vs Renald L**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-30 ta' Ġunju 2020, u konsegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Ottubru 2021. Il-Qorti tara illi fil-każ odjern, huwa minnu li ma ġiex ippruvat li l-attriċi tinsab f'relazzjoni ma' terza persuna, iżda hija stess ikkonfermat illi kellha *one-night stand* waqt li l-partijiet kienu separati *de facto* minn xulxin. Kif drabi oħra ritenut, meta teżisti ammissjoni huwa *"bizzejjed biex il-process jinghalaq"*,[96] għalhekk in vista ta' tali ammissjoni huwa biżżejjed għal Qorti biex tifhem illi wara li ntemmet ir-relazzjoni tal-partijiet, l-attriċi kienet parteċipi f'att adelturuż. Il-Qorti tissottolineja illi għalkemm l-attriċi ma tinsabx f'relazzjoni, iżda kellha biss inkontru sesswali, tali att fil-fehma ta' din il-Qorti, ai termini tal-liġi għandu jiġi xorta waħda kkunsidrat bħala att kolpuż li jekk xejn kompla sabiex issiġġilla kull prospett ta' nuqqas ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Għalhekk, il-Qorti tinsab

[95] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Diċembru 2015.
[96] *Vide* s-sentenza l-ismijiet **Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald B et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru 1970.

tal-fehma illi sabiex hija timxi *ad unguem*, dan il-prinċipju għandu jiġi applikat ukoll fil-każ odjern fil-konfront tal-attriċi.

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 u 38 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib *primarjament* lill-konvenut ħati ta' moħqrija u nġurji gravi stante li ż-żwieġ tkisser *in primis* minħabba l-attitudni tiegħu, filwaqt li fl-istess waqt issib ukoll lill-attriċi ħatja ta' adulterju għaliex wara s-sepearazzjoni *de facto* hija kompliet issiġġilat it-tifrik taż-żwieġ.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tagħha, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, l-konvenut huwa ħati ta' moħqrija u nġurji gravi, filwaqt li l-attriċi hija ħatja ta' aduterju, u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi s-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati *in toto* fil-konfront taż-żewġ partijiet.

**4. Manteniment għall-Attriċi:**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Il-Qorti tissottolineja illi ż-żewġ partijiet instabu ħatja għat-tifrik taż-żwieġ u l-Qorti applikat fil-konfront tagħhom is-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Għalhekk, l-attriċi ma għandhiex id-dritt li titlob manteniment mill-parti l-oħra.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu erbat (4) itfal, u ċjoe' D B mwieled nhar it-18 ta' Settembru 1996,[97] E B mwielda nhar l-4 ta' Lulju 1998,[98] F B mwieled nhar il-15 ta' Diċembru 2003,[99] u G B mwieled nhar l-10 ta' Diċembru 2014.[100] Dan ifisser illi fil-preżent ulied il-partijiet għandhom 25 sena, 24 sena, 18-il sena u 7 snin, rispettvament.

Fid-dawl ta' dan jirriżulta illi ma hemmx lok għal din il-Qorti illi tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-kura, kustodja u aċċess fir-rigward ta' F B, hekk kif fil-mori tal-kawża huwa leħaq sar maġġorenni. Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll illi l-attriċi in kontro-eżami kkonfermat li E tlesti l-kors tagħha fl-2021, u F qiegħed jaħdem *full-time* ma' Rainforest,[101] u konswgwentament fin-nota ta' sottomissjonijiet saħqet illi ormai kemm E kif ukoll F B huma maġġorrenni u jinsabu ngaġġjati f'impjieg *full-time*, għalhekk ma għadx hemm lok li l-Qorti tiddeċiedi dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tagħhom.[102]

B'hekk dak li għandu jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri G B, u l-konsiderazzjonijiet ser ikunu limitati għalih biss.

*<u>Is-Sitwazzjoni Pendente Lite rigward il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Ulied:</u>*

**L-Ewwel Rikors:**

[97] Fol. 7.
[98] Fol. 8.
[99] Fol. 9.
[100] Fol. 10.
[101] Fol. 851.
[102] Fol. 904.

a. Rikors tal-attriċi datat 18 ta' Ottubru 2016,[103] fejn talbet lill-Qorti: (i) tordna lill-intimat sabiex jivversa manteniment fiss għat-tlett (3) uliedu E, F u G, liema manteniment jitħallas fix-xahar, (ii) Tordna lill-intimat iħallas nofs l-ispejejż mediċi u edukattivi (kemm ordinarji kif ukoll straordinarji) li tinkorri l-esponenti għal E u għaż-żewġ minuri F u G, (iii) Tordna lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' F u G, (iv) Tordna illi l-manteniment fiss jiżdied kull sena bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq is-sena preċedenti mid-data tad-digriet, (v) Tordna illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat b'dan illi min iħaddem lill-intimat għandu jiġi ordnat jesegwixxi din l-ordni u jiddepożita l-istess mantenimey f'kont bankarju intestate f'isem l-esponenti, (vi) Tordna illi l-manteniment jibda jseħħ minn Lulju 2016;

b. Digriet data 5 ta' Novembru 2016,[104] il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas €550 fix-xahar bħala manteniment għal tlett minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tagħhom, filwaqt li laqgħat it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) talbiet, iżda ċaħdet is-sitt (6) talba;

**It-Tieni Rikors:**

a. Rikors tal-konvenut datat 1 ta' Ġunju 2017,[105] fejn talab lill-Qorti sabiex l-aċċess jiġi formalment regolat billi: (i) tordna li l-aċċess għaż-żewġt itfal minuri F u G ikun kull nhar ta' Erbgħa mill-4:45 pm sat-8:00 pm u fil-*weekend* b'mod alternat mis-Sibt fis-1:00 pm sal-għada l-Ħadd fis-6:00 pm u l-ġimgħa ta' wara l-Ġimgħa mill-4:45 pm sat-8:00 pm, u (ii) tordna li l-konvenut ikollu aċċess għaż-żewġt minuri fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena;

b. Risposta tal-attriċi datata 21 ta' Ġunju 2017,[106] fejn ma toġġezzjonax għal tali talba;

c. Digriet tat-22 ta' Ġunju 2017,[107] fejn il-Qorti laqgħat l-ewwel talba, u kif ukoll it-tieni talba b'dana illi li f'dan ir-rigward ordnat illi *"r-rikorrent ikollu access ghal minuri minn lejlet l-ewwel tas-sena fl-4:00pm sal-ghada fl-*

[103] Fol. 440.
[104] Fol. 442.
[105] Fol. 36.
[106] Fol. 40.
[107] Fol. 42.

*4:00pm, u s-sena ta' wara, l-2018 hu jkollu aċċess mill-4:00pm ta' lejlet il-Milied sal-għada f'Jum il-Milied, liema aċċess jibqa' jalterna b'dan il-mod kull sena"*;

**It-Tielet Rikors:**

a. Rikors tal-attriċi datat 23 ta' Ottubru 2018,[108] fejn talbet lill-Qorti: (i) tvarja d-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru 2016 b'dan illi tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' €550 fix-xahar bħala manteniment għaż-żewġ minuri F u G, liema somma tkun tinkludi wkoll l-ispejjeż edukattivi u mediċi tal-istess żewġ minuri, (ii) tikkonferma illi l-manteniment fiss għandu jibqa' jiżdied kull sena bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq is-sena preċedenti mid-data tad-digriet, u (iii) tikkonferma l-ordni tagħha illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat u jiġi depożitat fil-kont bankarju indikat mill-attriċi, filwaqt li jekk il-konvenut ma jkunx qed jaħdem jiġi ordnat jagħmel *standing order* a favur l-attriċi. Tgħid ukoll li sa Awwissu 2018 sehem l-intimat mill-ispejjeż edukattivi u mediċinali tat-tlett (3) ulied huwa dak ta' €1,100 u dan abbażi ta' numru ta' rċevuti li pew ippreżentati;[109]

b. Risposta tal-konvenut datata 15 ta' Novembru 2018,[110] fejn jgħid illi jopponi għat-talba kif dedotta iżda jisħaq li l-manteniment għandu jkun ta' €400 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni jew €430 fix-xahar li jinkorpora sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, filwaqt li jopponix għat-talbiet l-oħra;

c. Digriet datat 16 ta' Novembru 2018,[111] fejn il-Qorti ordnat lil konvenut iħallas is-somma ta' €450 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għal minuri, liema somma tinkludi sehemu mil-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni, filwaqt li tilqa' it-tieni u t-tielet talba;

**Ir-Raba' Rikors:**

[108] Fol. 436.
[109] Fol. 444 – 519.
[110] Fol. 526.
[111] Fol. 536.

a. Rikors tal-konvenut datat 25 ta' April 2019,[112] fejn talab lil Qorti sabiex tordna li l-aċċess għal minuri jiżdied b'minimu ta' għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa f'dawk il-ġranet u siegħat li l-intimat ma jkunx xogħol dan billi huwa stess jinforma lill-attriċi 24 siegħa qabel meta jkun ser jeżerċita l-aċċess, salv kull provvediment ieħor neċessarju fiċ-ċirkostanzi;

b. Risposta tal-attriċi datata 16 ta' Mejju 2019,[113] fejn teċepixxi li t-talba hija insostenibbli għall-ġid suprem tal-minuri;

c. Digriet datat 27 ta' Mejju 2019,[114] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut b'dana illi l-attriċi għandha tingħata pre-avviż ta' 48 siegħa;

**Il-Ħames Rikors:**

a. Rikors datat 4 ta' Novembru 2019,[115] fejn l-attriċi rrelevat ili ċ-ċirkostanzi tbiddlu drastikament hekk kif binthom E kienet qiegħda mill-ġdid tgħix mal-attriċi u bdiet tistudja *full-time* ġewwa l-MCAST, u F qiegħed jistudja fuq bażi *full-time* ġewwa l-ITS fejn l-attriċi nefqet is-somma ta' €503.56 f'kotba, uniformijiet u għodda għalih kif jirrikjedi l-kors. Sabiex tikkorrabora l-pretensjoni tagħha, l-attriċi eżebiet: (i) dokument datat 8 ta' Ottubru 2019, li jikkonferma li E B tinsab irreġistrata bħala studenta *full-time* ġewwa l-MCAST għas-sena skolastika 2019-2020,[116] u (ii) dokument datat 22 ta' Ottubru 2019, li jikkonferma li F B qiegħed jattendi għal kors ta' sena ġewwa l-ITS,[117] (iii) numru ta' rċevuti għal affarijiet li jeħtieġ F B għal kors.[118] Għalhekk talbet lill-Qorti sabiex: (i) tvarja d-digriet tal-1 ta' Novembru b'dan illi tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' €650 fix-xahar bħala manteniment għat-tlett (3) ulied, liema somma tinkludi lispejjeż edukattivi u mediċi, (ii) tikkonferma li l-manteniment fiss għandu jiżdied kull sena bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq is-sena preċedenti mid-data tad-digriet, (iii) tikkonferma l-ordni tagħha tal-5 ta' Novembru 2016 u tal-1 ta' Novembru 2018 illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat

[112] Fol. 624.
[113] Fol. 629.
[114] Fol. 631.
[115] Fol. 672.
[116] Fol. 677.
[117] Fol. 678.
[118] Fol. 679 – 683.

u jiġi depożitat fil-kont tal-attriċi kif indikat, u f'każ li ma jkunx qed jaħdem jagħmel *standing order* a favur l-attriċi;

b. Risposta tal-konvenut datat 14 ta' Novembru 2019,[119] fejn jopponi għat-talbiet kif dedotti;

c. Digriet datat 15 ta' Novembru 2019,[120] fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attriċi;

**Is-Sitt Rikors:**

a. Rikors tal-attriċi datat 3 ta' Novembru 2021,[121] fejn tirrileva li tlieta minn uliedha jaħdmu kollha fuq bażi *full-time*, u talbet lill-Qorti sabiex: (i) tvarja d-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2019 billi tordna lil konvenut iħallas is-somma ta' €350 fix-xahar bħala manteniment għal G B, liema somma tinkludi wkoll l-ispejjeż edukattivi, mediċi u attivitajiet extra-kurrikulari, (ii) tikkonferma li l-manteniment fiss għandu jiżdied kull sena bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq is-sena preċedenti mid-data tad-digriet, (iii) tikkonferma l-ordni tagħha tal-5 ta' Novembru 2016, tal-1 ta' Novembru 2018 u tal-15 ta' Settembru 2019, illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat u jiġi depożitat fil-kont tal-attriċi kif indikat, u f'każ li ma jkunx qed jaħdem jagħmel standing order a favur l-attriċi;

b. Risposta tal-konvenut datata 25 ta' Marzu 2022,[122] fejn qed jopponi għall-ewwel talba;

c. Digriet tat-28 ta' Marzu 2022,[123] fejn il-Qorti ordnat lil konvenut iħallas €240 fix-xahar bħala manteniment għal minuri u dan oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tiegħu, filwaqt li tilqa' it-tieni talba u tiċħad it-tielet talba.

[119] Fol. 690.
[120] Fol. 694.
[121] Fol. 860.
[122] Fol. 878.
[123] Fol. 882.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[124] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[125] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. AYa Cutajar et**,[126] u **E Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[127] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut...".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra

[124] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[125] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[126] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[127] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances B vs. Duncan Caruana**,[128] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[129] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi"*. L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

---

[128]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[129]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-preżent G B għadu minorenni fejn għad għandu seba' (7) snin, u b'hekk għadu taħt is-setgħa tal-ġenituri tiegħu. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilu minn dejjem taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tiegħu, fejn jgħix ma' ommu filwaqt li għandu aċċess adegwat ma' missieru, il-Qorti tinsab konvinta li G B daħal f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnifsu.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma taqbilx illi l-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi vestita solament f'idejn l-attriċi abbażi tal-fatt illi l-konvenut jaħdem għal numru ta' ġimgħat barra minn Malta; fil-fehma tal-Qorti tali raġuni ma hijiex valida sabiex il-konvenut jiġi żvestit mill-kura u kustodja tal-minuri. Jekk xejn tali impjieg għandu jittiehed in konsiderazzjoni fir-rigward ta' kif għandhom

jittiehdu d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-minuri. Għalhekk, il-Qorti ma temminx li hemm lok li tiddisturba l-*modus vivendi* attwali tal-minuri.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab konvinta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri G B għandha tkun vesitita b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, b'dana illi ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti tordna illi: (i) l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, (ii) id-deċiżjonijiet ordinarji ta' kuljum, kif ukoll dawk bażiċi relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha, (iii) id-deċiżjonijiet straordinarji, li speċifikament jinkludu: (a) tibdil ta' skola, (b) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (c) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (d) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (e) applikazzjoni u jew tiġdid tal-passaporti tal-minuri, u (f) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet, u (iv) il-passaporti tal-minuri għandhom jinżammu mill-attriċi. Madanakollu u fir-rigward ta' interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni b'urġenza, u/jew fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, jekk tali jseħħu f'dak il-perjodu li l-konvenut ikun jinsab barra minn Malta fuq xogħol, l-attriċi hija awtorizzata li tiddeċedi waħedha fl-interess tal-minuri, b'dana illi tinforma b'mod immedjat dwar l-istess lill-konvenut.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll li fis-sitwazzjoni u fir-rigward tal-aċċess kif mitlub mill-konvenut, jiġi tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[130]

Fil-preżent jidher li l-aċċess tal-minuri mal-missier qed jiġi eżerċitat, fejn jidher li abbażi tad-digriet datat 22 ta' Ġunju 2017, il-konvenut jara lil minuri kull nhar ta' Erbgħa mill-4:45 pm sat-8:00 pm u fil-weekend b'mod alternat mis-Sibt fis-

---

[130] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

1:00 pm sal-għada l-Ħadd fis-6:00 pm u l-ġimgħa ta' wara l-Ġimgħa mill-4:45 pm sat-8:00 pm, filwaqt li permezz tad-digriet datat 27 ta' Mejju 2019, il-konvenut ġie awtorizzat li jara lil ibnu għal iktar ħin matul il-ġimgħa salv li jinforma lill-attriċi 48 siegħa qabel meta jkun ser jieħu lill-ibnu għall-aċċess. Magħdud ma' dan, fi żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-access għal minuri huwa minn Lejlet l-Ewwel tas-Sena fl-4:00 pm sal-ghada fl-4:00 pm, u s-sena ta' wara, hu jkollu aċċess mill-4:00pm ta' Lejlet il-Milied sal-għada f'Jum il-Milied, liema aċċess jibqa' jalterna b'dan il-mod kull sena.

Il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi odjerni, u dan tenut kont tal-fatt li l-konvenut jaħdem għal numru ta' ġimgħat konsekuttivi barra minn Malta, il-Qorti tasal għal konklużjoni illi:

a. <u>*Sakemm il-konvenut ikun qed jaħdem għal numru ta' ġimgħat barra minn Malta*</u>, l-aċċess għandu jkun hekk:

    i. <u>*F'dawk il-ġimgħat li l-konvenut ikun jinsab barra minn Malta fuq xogħol*</u>, il-konvenut għandu jkollu d-dritt li jikkomunika ma' ibnu telefonikament, dan permezz ta' telefonati normali u anke *videocalls,* u iktar 'il quddiem anke permezz ta' messaġġi, fejn il-minuri għandu jikkomunika ma' missieru permezz taċ-ċellulari ta' ommu, sakemm ma jinxtarax ċellulari apposta għal minuri, a kariku tal-konvenut, li jintuża solament sabiex ikun jista' jċempel lil minuri fuqu. Tali komunikazzjoni għandha ssir b'mod liberu iżda illi tali telefonati għandhom jkunu limitati għal darba fil-ġurnata u għal durata ta' mhux iktar minn tlett kwarti ta' siegħa;

    ii. <u>*F'dawk il-ġimgħat li l-konvenut ikun jinsab Malta*</u> u:

        (a) *Il-minuri ikun għadu fil-perjodu skolastiku*, l-aċċess għandu jsir:

            i. Fost il-ġimgħa, kull nhar ta' Tlieta, Erbgħa u Ħamis bejn l-4:30pm u s-7:30pm;

            ii. Fi tmiem il-ġimgħa, għandu jkun hemm aċċess bi sleepover b'mod alternat mill-Ġimgħa mill-5:00pm sal-

għada s-Sibt fil-5:00pm u l-ġimgħa ta' wara nhar ta' Sibt mill-5:00pm sal-għada l-Ħadd fil-5:00pm;

(b) *Il-minuri ikun fil-perjodu ta' vakanz*i, l-aċċess għandu jsir:

i. Fost il-ġimgħa, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mit-Tnejn mid-9:00am sal-għada t-Tlieta fil-5:00pm, u l-ġimgħa ta' wara nhar ta' Erbgħa mid-9:00am sal-għada l-Ħamis fil-5:00pm;

ii. Fi tmiem il-ġimgħa, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa mill-5:00pm sal-għada s-Sibt fil-5:00pm u l-ġimgħa ta' wara nhar ta' Sibt mill-5:00pm sal-għada l-Ħadd fil-5:00pm;

(c) *Jekk sakemm ikun Malta, jaħbtu s-segwenti okkażjonijiet*, l-aċċess għandu jsir hekk:

i. F'għeluq snin il-minuri: (a) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (b) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, il-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-i*sleepover* għal dik il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

ii. F'għeluq snin il-missier, ċjoe' l-10 ta' Ġunju: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mill-Ġimgħa fis-7pm sas-Sibt sal-10pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fid-9pm;

iii. F'għeluq snin l-omm, ċjoe' 27 ta' Awwissu: (i) meta tali ġurnata taħbat it-Tnejn jew it-Tlieta, l-aċċess għandu jsir

mill-Erbgħa għal Ħamis, iżda jekk tali ġurnata taħbat l-Erbgħa jew il-Ħamis, l-l-aċċess għandu jsir mit-Tnejn għat-Tlieta, meta jkun imissu l-aċċess il-konvenut, tali aċċess għandu jintilef b'dana li l-aċċess jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat il-Ġimgħa, l-*isleepover* għandu jsir mis-Sibt għal Ħadd, jekk jaħbat is-Sibt, l-*isleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-3:00pm sas-Sibt 7:30am, u jekk jaħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għandu jsir l-Ġimgħa għas-Sibt;

iv. Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier, l-*isleepover* għal dak il-weekend partikolari jkun mis-Sibt għal Ħadd mill-5:30pm sal-5:30pm;

v. Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-5:30pm sas-Sibt sal-5:30pm;

vi. F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-25 ta' Diċembru sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil-5.30pm sas-26 ta' Diċembru sal-5.30pm;

vii. F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil-5.30pm sat-2 ta' Jannar sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil-5.30pm sal-1 ta' Jannar sal-5.30pm.

b. <u>*Meta l-konvenut ikun qed jaħdem Malta*</u>, l-aċċess għandu jkun hekk:

i. Fost il-ġimgħa, kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4:30pm u s-7:30pm fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollu l-vakanzi jiġi estiż sad-9.30pm;

ii. Fi tmiem il-ġimgħa, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa mill-5:00pm sal-għada s-Sibt fil-5:00pm u l-gimgħa ta' wara nhar ta' Sibt mill-5:00pm sal-għada l-Ħadd fil-5:00pm;

iii. F'għeluq snin il-minuri: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, il-konvenut għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-*isleepover* fil-*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

iv. F'għeluq snin il-missier: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-konvenut għandu jiġbor lill-minuri mit-3:00pm sas-7:30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mill-Ġimgħa fis-7pm sas-Sibt sal-10pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-isleepover għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fid-9pm;

v. F'għeluq snin l-omm: (i) meta tali ġurnata taħbat it-Tlieta jew il-Ħamis meta jkun imissu l-aċċess il-konvenut, tali aċċess għandu jintilef b'dana li l-aċċess jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*isleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-3pm sas-Sibt 7.30am, u għal dak il-*weekend* biss il-konvenut ikollu dritt ukoll għal aċċess ma' ibnu l-Ħadd mill-11am sal-5pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

vi. Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier, l-*isleepover* għal dak il-weekend ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-5.30pm sal-5.30pm;

vii. Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

viii. F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-25 ta' Diċembru sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil-5.30pm sas-26 ta' Diċembru sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari f'każ li l-Lejliet il-Milied u l-Milied jaħbtu bejn it-Tlieta u l-Ħamis, l-*isleepover* tal-weekend xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

ix. F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, il-konvenut ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil-5.30pm sat-2 ta' Jannar sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil-5.30pm sal-1 ta' Jannar sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn it-Tlieta u l-Ħamis, l-*isleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikompli jgħix ma' ommu, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed iħallas is-somma ta' €240 kull xahar għal minuri, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie L pro et noe vs Jason T Mifsud**,[131] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc U**,[132] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina***

[131] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[132] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.

***Bezzina vs Julian Bezzina,***[133] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[134]*". ".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx din il-prova, u barra minn hekk mill-atti lanqas ma jidher illi tresqet prova konkreta tad-dħul attwali tal-konvenut. Madanakollu, ma jidhirx li kien hemm problema li l-konvenut iħallas tali manteniment.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett mitt ewro (€220) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll tmenin Ewro (€80) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €300 kull xahar għal minuri nhar l-ewwel jum tax-xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali mantenimentgħandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal G B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

Fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, jirriżulta illi fin-nota ġuramentata tagħha l-attriċi rrelevat illi wara li żewġha telaq mid-dar matrimonjali u sakemm ingħata l-ewwel digriet rigward ħlas ta' manteniment, huwa naqas milli jħallas manteniment għal uiedu għal sitt xhur sħaħ – ċjoe' minn Lulju 2015 sa Novembru 2015, fejn f'tali perjodu kienet l-attriċi waħedha li għamlet tajjeb għal bżonnijiet ta' uliedha. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jisħaq li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti lill-attriċi.[135]

[133] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[134] **Priscilla Cassar vs Robert B,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[135] Fol. 924.

Il-Qorti tara li għal tali perjodu l-attriċi ma ppreżentat l-ebda prospett jew irċevuti għal dak li nefqet, iżda dak li qiegħda tippretendi l-attriċi huwa li d-digriet *pendente lite* tal-5 ta' Novembru 2015 japplika mid-data meta l-konvenut telaq mid-dar matimonjali u ma bediex jikkontribwixxi finanzjarjament għal uliedu. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li l-konvenut jallega li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti, u għalhekk b'tali sottomissjoni jagħti x'jifhem li huwa dejjem ikkontribwixxa finanzjarjament għal uliedu. Madanakollu mill-atti jirriżulta li ma tresqet l-ebda prova ta' pagament bħala kontribuzzjoni finanzjarja għal perjofu bejn Lulju u Novembru 2015.

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi ai termini tal-Artikolu 3B subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili ż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li *inter alia* jieħdu ħsieb u jmantnu lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied. Għalhekk tali obbligu jibqa' fis-seħħ nonostante jekk hemmx *in vigore o meno* digriet tal-Qorti għal ħlas ta' manteniment u nuqqas ta' digriet ma jfissirx illi l-ġenituri għandhom jonqosu milli jottemporaw rwieħhom mal-liġi. Stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi biex tara jekk it-talba tal-attriċi kif magħmula fin-nota ġuramentata tagħha hijiex waħda ġusta, stante li l-istess ma ġietx imresqa fir-rikors promotur.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis**,[136] fejn il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi*". B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-*

[136] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).

*Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[137] Fid-dawl ta' dan u fin-nuqqas ta' prova da parti l-konvenut tal-allegat ħlas, il-Qorti tara li għandha tieħu in konsiderazzjoni taċ-ċifra elenkata fin-nota ġurametata tal-attriċi, u ċjoe' is-somma ta' €3,300, u tordna lil konvenut sabiex iħallas l-imsemmija arretrati ta' manteniment. Flimkien ma' tali somma il-Qorti mhux ser tillikwida *arbitro bon viri* l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, u dan għaliex għal tali perjodu l-attriċi ma resqet l-ebda prova rigward l-imemmija spejjeż.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-13 ta' April 1996, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tas-sentenza parzjali mogħtija nhar l-1 ta' Novembru 2017, il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha datat 19 ta' Mejju 2017, u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta. Għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti ilha li ġiet itterminata mid-data meta tali sentenza għaddiet in ġudikat.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

i. *Fir-rigward tad-dar matrimonjali tal-partijiet bl-indirizz '19, Dar in-Nanniet, Triq Bir l-Iljun, Rabat',* jidher li ma huwiex kontestat illi tali fond ma jappartjenix lil partijiet iżda skont id-dikjarazzjonijiet ġuramentata tal-partijiet stess jirriżulta li dan jappartjeni lil omm l-attriċi. Madanakollu għalkemm l-attriċi tgħid li t-titolu ta' tali proprjeta' jinsab ippruvat permezz

[137] *Ibid.*

ta' riċerki u kuntratt ta' diviżjoni kif annessi ma' nota ppreżentata nhar it-3 ta' Awwissu 2017, pero' tali nota ma jidhirx li tinsab fl-atti odjerni. Fi kwalunkwe każ, tali dar matrimonjali ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u l-Qorti qiegħda tordna illi tali fond ma għandux jibqa' jservi ta' fond matrimonjali;

ii. <u>*Fir-rigward tal-benefikati li saru fil-fond matrimonjali*</u>, jidher li l-konvenut qiegħed jitlob kreditu għal benefikati kollha li saru fid-dar matrimonjali stante li kienu ġew inkorsi diversi spejjeż sabiex tali dar titranġa u tiġi abitabbli kif suppost. Fil-fehma tal-konvenut *"ma huwiex kontestat li l-emoljoramenti li saru mill-partijiet fiz-zwieġ kienu dawn li hemm elenkati fil-paragrafu ta' qabel. Irid jingħad li ghal maggorparti tal-konvivenza matrimonjali kien l-esponent li kien jahdem barra id-dar. L-esponent ghamel personalment hafna mix-xoghol manwali fid-dar hu stess. Ghamel kollox hlief ghal injam tal-kcina u tal-kamra tal-ikel"*.[138] F'dan ir-rigward u ċjoe' ta' kreditu ta' benefikati li saru fid-dar matrimonjali, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Diane Fenech vs Elio Fenech**,[139] fejn ġie mgħallem illi:

*"Fir-rigward tal-benefikati li saru mis-somma in kwistjoni, huwa opportun li f'dan l-istadju ssir distinzjoni bejn benefikati li saru mis-somma parafernali tal-attur, u li jikkonsistu inter alia tranġar strutturali u dawk ta' manutenzjoni li jikkonsistu ukoll f'mobbli li faċilment jistgħu jitneħħew u ma jingħaqdux mal-fond. Il-Qorti tirribadixxi illi l-benefikati strutturali, built-in u fixtures varji, bħala rizultat tax-xogħol li sar, inevitabbilment ingħaqdu mal-proprjeta immobbli, u dan bis-saħħa tal-prinċipju tal-jedd ta' aċċessjoni ai termini tal-Artikolu 567 tal-Kodiċi Ċivili.[140] Dan il-jedd jopera b'tali manjiera illi l-prodott tax-xogħol jew l-ispejjez involuti jmissu unikament lis-sid tal-istess fond, fejn dan tal-aħħar indubjament jieħu l-benefiċċju ta' dawk l-istess xogħolijiet li f'dan il-kaz saru a spejjez tal-flus derevanti minn proprjeta' parafernali tal-konvenut. Fil-kaz odjern jingħad illi x-xogħolijiet in kwistjoni saru dejjem bla permessi u awtorizzazzjoni ta' sidien, periti u awtoritajiet ikkonċernati. Il-provi fir-rigward tat-titolu tal-*

[138] Fol. 927.
[139] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar il-25 ta' Frar 2021, mhux appellata, (Rik. Ġur. Nru. 284/2016 AL).
[140] *"Il-frottijiet naturali, tax-xogħol, jew ċivili jmissu, b'jedd ta' aċċessjoni, lis-sid tal-ħaġa li tagħtihom, bil-piz li jħallas l-ispejjez li ħaddieħor ikun għamel sabiex il-ħaġa tagħti dawk il-frottijiet jew sabiex dawk il-frottijiet jiġu kkonservati".*

*proprjeta' in kwistjoni huma skarsi, għaliex għalkemm jiġi allegat illi d-dar matrimonjali ilha tiġi mikrija lil familja tal-attriċi minn għand ċertu J. Saydon għal zmien twil, ma tresqet l-ebda prova dwar dan bħal ktieb tal-kera, skrittura tal-kera, jew xhieda ta' rapprezentanti ta' Identity Malta (Sezzjoni tar-Riċerki ta' Kuntratti). Lanqas ma tresqet prova dwar it-titolu rigward il-boathouse tal-Ġnejna. B'hekk in atti ma hemm l-ebda prova dwar min hu s-sid tal-proprjeta' imsemmija. Għaldaqstant il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tordna li l-kreditu parafernali tal-konvenut jinġabar minn għand l-attriċi ġialadarba f'dan l-istadju ma ġietx iddikjarat bħala s-sid tal-fond in kwistjoni.*

*(...) Ittiehdet ukoll konsiderazzjoni taz-zewġ rapporti peritali pprezentati millkonvenut, liema zewġ rapporti jagħtu stampa tax-xogħolijiet kollha li saru matul iz-zmien, inkluz dak li sar wara li rċieva s-somma, li b'kollox dawn ix-xogħolijiet ġew stmati versu l-prezz ta' €133,500. Minkejja dawn iċ-ċirfri, u tenut kont li ma saret l-ebda kontrotalba da parti l-konvenut u lanqas ma ġie ppruvat min hu s-sid tal-proprjeta', il-Qorti f'dan l-istadju tista' biss tiddikjara li minn dak li jirrizulta lilha, is-somma riċevuta mill-konvenut għar-rinunzja tal-liċenzja u ttrasferiment tax-xarabank hija parafernali, u peress li parti minn din is-somma intuzat sabiex isiru benefikati fid-dar matrimonjali, garaxx u boathouse, jezisti kreditu parafernali fil-konfront tal-konvenut, b'dana illi jispetta lil kovenut sabiex juzufruwixxi r-rimedji disponibbli lilu ai termini tal-liġi sabiex jittenta jirkupra dak li jappartjeni lilu minn għand terzi persuni".*

Fid-dawl tal-insenjament surreferit, il-Qorti tara l-lista xogħolijiet li l-konvenut jallega li għamel fid-dar matrimonjali, u ċjoe': (i) alterazzjonijiet fil-bini, (ii) dawl u ilma, (iii) kisi u żebgħa kullimkien, (iv) madum tal-bitħa, (v) kamra tas-shower, (vi) kamra tal-ħasil, (vii) orik tal-madum eżistenti, (viii) aluminium, (ix) żebgħa tal-aperturi tal-injam, (x) madum tal-art, (xi) kisi ta' ħitan bil-*gypsum*, (xii) kċina ġdida, (xiii) kamra tal-ikel, (xiv) *stove* ġdida, (xv) dawl u soqfa kollha ta' kullimkien – fejn ħafna minn tali xogħolijiet huma benefikati strutturali, għajr għal kamra tal-ikel u l-i*stove*. Madanakollu, il-Qorti tara li fi kwalunkwe każ ma tresqet l-ebda stima dwar dawn il-benefikati, u fir-rigward tal-kamra tal-ikel u l-i*stove* in kwistjoni ma tresqu l-ebda prova li dawn inxtraw mill-partijiet fi ż-żwieġ, filwaqt li fir-rigward tal-benefikati l-oħra dawn illum ingħaqdu mal-proprjeta' li

tappartjeni lil omm l-attriċi. Għalhekk u ġialadarba l-fond in kwistjoni ma jappartjenix lill-attriċi, anke jekk dawn qed jitgawdew mill-attriċi bil-kunsens ta' ommha, tali benefikati ma jistgħux jittiehdu in konsiderazzjoni mil-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant kwalsiasi pretensjoni tal-konvenut għal sehemu mill-benefikati imsemmija, jispetta lill-istess konvenut sabiex jipproċedi b'azzjoni *ad hoc* sabiex jittenta jirkupra dak li jappartjeni lilu minn għand terzi persuni;

iii. *Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara x-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc,[141] kif ukoll ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc,[142] fejn ġie ddikjarat li:

(a) F'isem l-attriċi:

i. Mal-Bank of Valletta plc, sa mis-sena 1997 hemm kont wieħed bin-numru 40022658063 bħala *savings account*,[143]

(b) F'isem il-konvenut:

i. Mal-Bank of Valletta plc, sa mis-sena 1997 kien hemm tlett (3) kontijiet, fejn tnejn minnhom huma magħluqin u ieħor għadu miftuħ: (a) 38301406016 bħala *loan account* u huwa magħluq,[144] (b) 40014487226 li huwa *term deposit account* u huwa magħluq,[145] (c) 14607221016 li huwa *savings accocout* u għadu attiv;[146] u,

(c) F'isem il-partiet b'mod konġunt:

i. Mal-Bank of Valletta plc, kien hemm kont wieħed li huwa ormai magħluq, li kellu n-numru 40010837883 u kien bħala *business overdraft*;[147]

[141] Fol. 51.
[142] Fol. 52.
[143] Fol. 732, u mmarkat bħala JBA1.
[144] Fol. 57, u mmarkat bħala JB1.
[145] Fol. 63, u mmarkat bħala JB2.
[146] Fol. 73, u mmarkat bħala JB3.
[147] Fol. 106, u mmarkat bħala JB4.

ii. Mal-HSBC Bank Malta plc, kien hemm żewġ kontijiet konġunti li huma ukoll magħluqin, u li kellhom in-numri 584186593,[148] u 581773013;[149]

Il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih;

iv. <u>*Fir-rigward ta' vetturi*</u>, il-Qorti tara x-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta,[150] fejn ġie ddikjarat illi:

(a) Fuq isem il-konvenut:

i. Fil-passat kellu rreġistrati fuqu tmien (8) vetturi,[151] u ċjoe': (i) Maruti Gypsy bin-numru ta' reġistrazzjoni LCL-359 għal perjodu bejn it-28 ta' Frar 2011 sal-11 ta' Marzu 2016, (ii) Seat Toledo bin-numru ta' reġistrazzjoni LMJ-134 għal perjodu bejn l-14 ta' April 2004 u t-2 ta' Awwissu 2007, (iii) Opel Corsa bn-numru ta' reġistrazzjoni JAA-174 għal perjodu bejn l-1 ta' Diċembru 1998 sad-29 ta' Marzu 2004, (iv) Seat Terra bin-numru ta' reġsitrazzjoni JAI-731 għal perjodu bejn l- 1 ta' Novembru 2005 sal-15 ta' Novembru 2006, (v) Morris Marina bin-numru ta' reġistrazzjoni FAV-476 għal perjodu bejn l-4 ta' Lulju 1995 sas-27 ta' Frar 1996, (vi) Dacia 1307 bin-numru ta' reġistrazzjoni JAB-349 għal perjodu bejn it-23 ta' Novembru 1995 sal-11 ta' Diċembru 1998, (vii) Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-165 għal perjodu bejn it-22 ta' Ottubru 1999 sas-26 ta' Ottubru 2007, (viii) Bedford 1300 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAI-825 għal perjodu bejn l-10 ta' Settembru 2001 u s-6 ta' Settembru 2006, filwaqt li,

ii. Fil-preżent għandu reġistrat fuq ismu vettura waħda tat-tip Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBN-286 sa mill-24 ta' Lulju 2006;[152]

---

[148] Fol. 175, u mmarkat bħala AMB1.
[149] Fol. 199, u mmarkat bħala AMB2.
[150] Fol. 52.
[151] Fol. 166.
[152] Fol. 158.

(b) Fuq isem l-attriċi:

i. Fil-passat ma kellha l-ebda vetturi reġistrati fuq isimha,[153] filwaqt li,

ii. Fil-preżent hemm vettura tat-tip Peugeot Boxer 320 bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF-297 u dan sa mit-8 ta' Mejju 2007;[154]

Il-Qorti ma tafx x'sar mill-vetturi li għandhom il-partijiet irreġistrati fuq isimhom. Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm fuq isimha dik il-vettura li tinsab irreġistrata fuq isimha;

v. ***Fir-rigward tad-djun li għandhom il-partijiet ma' terzi persuni u/jew entitajiet***, l-attriċi telenka illi dawn huma s-segwenti: (i) €746.48 ma' Penuel Hardware Store,[155] (ii) €1,200 ma' Carmel S, (iii) €1,000 ma' Q Abela, (iv) arretrati ta' ħlas ta' VAT, u (v) arretrati tat-taxxa tad-dħul. Skont l-attriċi tali dejn għandu jiġi assenjat lill-intimat.[156] Fir-rigward tas-somom ta' €746.48,[157] €1,200[158] u €1,000,[159] il-konvenut ma jgħid xejn u fi kwalukwe każ il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex tiddubita l-kredibilita' tal-prova mresqa mill-attriċi f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' arretrati ta' VAT u taxxa tad-dħul, ma hemm l-ebda prova ta' tali arretrati, iżda l-konvenut jissottometti illi kwalunkwe dejn u penali li jista' jirriżulta qabel id-data meta ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti għandhom ikunu a karigu taż-żewġ partijiet. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi tali dejn, kif elenkat mill-attriċi, għandu jiġi assunt fl-intier tiegħu mill-konvenut u dan sabiex jagħmel tajjeb għal fatt li ż-żwieġ tkisser primarjament minħabba l-aġir tiegħu;

vi. ***Fir-rigward ta' krediti a favur l-attriċi***, fin-nota ġuramentata tagħha l-attriċi telenka tali somom, u ċjoe':

[153] Fol. 320, 780.
[154] Fol. 318, 778.
[155] Liema kont jinsab ippruvat fl-atti.
[156] Fol. 900.
[157] Ara x-xhieda ta' H Merieca, a fol. 289, 314, u d-dokumenti eżebiti minnu, a fol. 321 – 324.
[158] Ara x-xhieda ta' Carmel S, a fol. 545.
[159] Ara x-xhieda ta' Q Abela, a fol. 543.

i. *€2,995 bħala s-somma li hija ħalset lil Michael Attard Limited sabiex tkopri d-dejn li l-konvenut kien għamel fuq vetturi li jsuq hu*: Mill-atti jirriżulta illi mit-3 ta' Lulju 2015, u ċjoe' wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, sa Marzu 2017, tħallset is-somma ta' €5,222.43.[160] Ix-xhud in rappreżentana ta' Michael Attard Limited ikkonferma illi huwa dejjem ken jitkellem mal-attriċi u li hi tkun li tieħu l-flus, għalhekk il-Qorti tinsab moralment konvinta illi tali ħlas kien qed isir mill-introjtu tal-attriċi. Nonostante li f'tali żmien kien għad hemm l-komunjoni tal-akkwisti, dan ma għandux ifisser illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal sehmu minn tali somma. Skont il-kalkoli tal-Qorti, is-somma li l-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi bħala sehmu mis-somma mħallsa lil Michael Attard Limited hija ta' €2,611.22;

ii. *€1,247 sehemu mill-ispejjeż edukattivi u mediċi tat-tfal skont id-digriet tal-5 ta' Novembru 2016*: Sabiex tikkorrabora tali pretensjoni l-attriċi ppreżentat numru ta' rċevuti.[161] Madanakollu l-Qorti tara li l-attriċi tidher li irrinunzjat għal tali pretensjoni stante li naqset milli telenka l-istess fin-nota ta' sottomissjoni tagħha. Madanakaollu fi kwalunkwe każ, il-Qorti tara li xorta waħda tara li tali somma ma għandhiex titħallas lill-attriċi hekk kif jidher li ma huwiex kontestat illi għal xi żmien partikolari E B kienet qieħda taħdem fuq bażi *full-time* u dan a skonoxxenza tal-konvenut filwaqt li dan tal-aħħar baqa' jissoministra manteniment għal bintu. Barra minn hekk tali irċevuti ġew ippreżenti *in vacuum* mingħajr ebda prospett li jispjega tali spejjeż. Il-Qorti ara li kieku kellha taċċetta l-irċevuti mingħajr ebda spjegazzjoni, speċjalment dawk l-irċevuti li jkunu għal ċertu *'goods'*, b'data u ħinijiet viċin għal xulxin, hija temmen li tkun qiegħda tatgħi lok għal abbuż. Għalhekk dik is-somma żejda li ġiet perċepita mill-attriċi, għandha tagħmel tajjeb għal tali spejjeż;

iii. *€3,300 bħala arretrati ta' manteniment għal sitt (6) xhur li ma ħallasx minn Lulju 2016 sa meta ngħata d-digriet*: Liema kwistjoni diġa' ġiet deċiża fil-ħames taqsima ta' din is-sentenza fejn il-Qorti ordnat li din is-somma għandha titħallas mill-konvenut lill-attriċi;

---

[160] Fol. 355, 356.
[161] Fol. 591 – 601.

iv. *Somma determinata mill-Qorti sabiex tirrappreżenta sehem l-intimat mill-ispejjeż u edukattivi u mediċi f'dawk is-sitt (6) xhur*: Liema kwistjoni diġa' ġiet deċiża fil-ħames taqsima ta' din is-sentenza, u ċjoe' li l-Qorti mhux ser tillikwida tali somma *arbitro bon viri*;

v. *€2,346.34 sehemu mill-kontijiet tal-ARMS sakemm kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali*:[162] Il-Qorti tara li skont ix-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' ARMS Ltd,[163] il-kontijiet in kwistjoni kienu jinħarġu fuq isem omm l-attriċi, kif ukoll kull ftehim li sar mal-ARMS Ltd kien proprju ma' omm l-attriċi. Għalhekk mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta li kull pagament sar minn omm l-attriċi. Għaldaqstant l-attriċi ma tistgħax tipretendi li għandha kreditu f'dan ir-rigward, u *se mai* tali pretensjoni għandha ssir minn sid il-post permezz ta' azzjoni *ad hoc*;

vi. *€5,293.57 bħala multi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta li ġew mħalsa mill-komunjoni tal-akkwisti*:[164] Tali multi ġew addebitati l-komunjoni tal-akkwisti, iżda dan seħħ minħabba aġir tal-konvenut li ġie ppenalizzat mill-Qorti Kriminali u dan kif jirriżulta mill-fedina penali tal-konvenut stess. Il-Qorti ma tarax illi għal tali aġir għandha ukoll tiġi kkastigata l-attriċi, u għalhekk il-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi nofs tali somma, u ċjoe' €2,646.79, rappreżentanti sehemha minn tali somma mħalsa f'multi;

vii. *€2,682.94 bħala flejjes illi huwa seraq mingħand il-familja L skont is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, inkluż €353.57 fi spejjeż tal-esperti*:[165] Sabiex tissostanzja tali pretensjoni, l-attriċi teżebixxi kopja tas-sentenza mogħtija kontra l-konvenut. Madanakollu f'tali sentenza ma hemm l-ebda indikazzjoni taċ-ċifri pretiżi. Nonostante dan u fi kwalunkwe każ, il-Qorti xorta waħda tordna lill-konvenut sabiex jirrifondi nofs s-somma ekwivalenti għal dik li seraq lil konjuġi L kif ukoll nofs l-ispejjeż tal-esperti relevanti lill-attriċi, u dan kif joħroġ mill-atti tal-kawża kriminali 27/2014 fl-ismijiet Pulizija vs. C B;

[162] Fol. 602
[163] Fol. 315.
[164] Fol. 604.
[165] Fol. 605.

viii. *€3,679.28 liċenzji b'lura u ċitazzjonijiet pendenti fuq il-Peugeot Boxer bin-numru ta' reġistrazzjoni IBF-297*:[166] Il-Qorti rat illi l-vettura in kwistjoni tinsab reġistrata fuq isem l-attriċi, u tali multi għandhom jibqgħu sapportati kollha kemm huma mill-attriċi sabiex tagħmel tajjeb għal att adelturuż waqt is-separazzjoni *de facto*. Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx li l-konvenut għandu jirrifondi tali somma lill-attriċi;

ix. *€1,200 lil Carmel S*: Liema kwistjoni diġa' ġiet deċiża f'din it-taqsima ta' din is-sentenza;

x. *€1,000 lil Q Abela*: Liema kwistjoni diġa' ġiet deċiża f'din it-taqsima ta' din is-sentenza;

xi. *Arretrati ta' ħlas tal-VAT u t-taxxa tad-dħul*: Liema kwistjoni diġa' ġiet deċiża f'din it-taqsima ta' din is-sentenza;

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawża odjerna ma jirriżultax li hemm tali assi.

**7. Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' 'Vella'. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan

[166] Fol. 608, li jammontaw għal €2,418.

primarjament minħabba moħqrija u nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili da parti l-konvenut, kif ukoll minħabba adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili da parti l-attriċi, u dan filwaqt li tawtorizza lil attriċi tgħix separatament minn żewġha;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u d-disa' talba rikonvenzjonali, fir-rigward tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta u tapplika l-istess fil-konfront taż-żewġ partijiet, b'dana illi l-Qorti tiddikjara ukoll li l-konvenut tilef kull jedd li għandu għan-nofs tal-akkwisti illi saru bil-ħila tal-attriċi u dan mis-26 ta' Ġunju 2015 u ċjoe' meta l-konvenut sar responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ tal-partijiet;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba attriċi, kif ukoll tilqa' limitatament ir-raba' talba rikonvenzjonali, filwaqt li tiddikjara li ż-żwieġ tfarrak mis-26 ta Ġunju 2015, Frar 2016, tiddeċiedi li xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*; iżda tastjeni milli tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv, u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja tal-partijiet fuq l-istess att;

4. Tiċħad il-ħames talba attriċi u tilqa' limitatament it-tieni talba rikonvenzjonali, u tafda l-kura u kustodja ta' G B b'mod konġunt f'idejn il-partijiet; ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti tordna ukoll illi: (i) l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, (ii) id-deċiżjonijiet ordinarji ta' kuljum, kif ukoll dawk bażiċi relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha, (iii) id-deċiżjonijiet straordinarji, li speċifikament jinkludu: (a) tibdil ta' skola, (b) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (c) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (d) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (e) applikazzjoni u jew tiġdid tal-passaporti tal-minuri, u (f) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet, u (iv) il-passaporti tal-minuri għandhom jinżammu mill-attriċi. Madanakollu u fir-rigward ta' interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni b'urġenza, u/jew fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, jekk tali jseħħu f'dak il-perjodu li l-konvenut ikun jinsab

barra minn Malta fuq xogħol, l-attriċi hija awtorizzata li tiddeċedi waħedha fl-interess tal-minuri, b'dana illi tinforma b'mod immedjat dwar l-istess lill-konvenut; tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba fir-rigward ta' F B stante li llum huwa maġġorenni;

5. Tilqa' it-tielet taba rikonvenzjonali u tordna li l-aċċess għandu jseħħ skont kif pprovdut fil-ħames (5) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri'*;

6. Tilqa' limitatament is-stt talba attriċi u dan fir-rigward ta' G B, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett mitt ewro (€220) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll tmenin Ewro (€80) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €300 kull xahar għal minuri nhar l-ewwel jum tax-xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal G B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi full-time wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu; tiċħad tali talba fir-rigward tal-attriċi, E B u F B;

7. Tilqa' is-seba' talba attriċi u tordna li l-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha, ossija *'Abela'*;

8. Tiċħad it-tmien talba dwar l-awtoriazzazzjoni lill-attriċi għar-reġistrazzjoni tas-sentenza odjerna;

9. Tiċħad il-ħames talba rikonvenzjonali fir-rigward tal-ġid l-ieħor komuni tal-partijiet li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

10. Tiċħad is-sitt u s-seba' talba rikonvenzjonali rigward l-assi parafernali tal-konvenut;

11. Tiċħad it-tmien talba rikonvenzjonali dwar il-likwidazzjoni tal-benefikati li saru fid-dar matrimonjali;

12. Filwaqt li l-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 367/1996, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut stante li t-tifrik taż-żwieġ seħħ primarjament minħabba l-attitudni tiegħu, u terz mill-attriċi hekk kif hija kompliet tkisser iż-żwieġ minħabba l-adulterju kommess minnha.